# KAPITOLU 372

## ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA

*Biex jirregola l-ġbir ta' taxxa fuq l-*income *u biex jipprovdi għall-mezzi amministrattivi għal dak il-ġbir.*

23 ta' Settembru, 1994

*L-ATT XVIII tal-1994, kif emendat bl-Atti XXIII u XXIV tal-1995, XX tal-1996, XVI tal-1997, V tal-1998, I u IX tal-1999, VI u IX tal-2001, II tal-2002, II tal-2003, II u XIII tal-2004, II tal-2005, u II, IV u IX tal-2007; bl-Avviż Legali 425 tal-2007; bl-Atti I tal-2008, II tal-2009 u I tal-2010; u bl-Avviżi Legali 336 u 390 tal-2010.*

TAQSIM TA' L-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| TAQSIMA I. | Preliminari | 1-2 |
| TAQSIMA II. | Amministrazzjoni | 3-4 |
| TAQSIMA III. | Persuni taxxabbli | 5-9 |
| TAQSIMA IV. | Prospetti | 10-29 |
| TAQSIMA V. | Stima ta' taxxa | 30-33 |
| TAQSIMA VI. | Appelli | 34-39 |
| TAQSIMA VII. | Ġbir | 40-47 |
| TAQSIMA VIII. | Rifużjoni | 48 |
| TAQSIMA IX. | Reati u Pieni | 49-57 |
| TAQSIMA X. | Setgħa għall-egħmil ta' regoli | 58-60 |

TAQSIMA I

**Preliminari**

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Tifsir.

Kap. 123.

**2.** F'dan l-Att, u f'kull regoli magħmula taħt dan l-Att, kliem u espressjonijiet għandu jkollhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, l-istess tifsir u l-istess interpretazzjoni li jinsabu fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

TAQSIMA II

**Amministrazzjoni**

Ħatra ta' awtorità amministrattiva.
*Emendat:*
*V. 1998.2;*
*IX. 2001.30;*
*II. 2004.47.*
Kap. 123.

**3.** (1) L-amministrazzjoni ta' dan l-Att u ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, (li hawnekk iżjed 'il quddiem qed jissejħu flimkien "l-Atti dwar it-Taxxi") hi mogħtija lill-Kummissarju li jista' bil-miktub u skond dawk il-limitazzjonijiet li jidhirlu xierqa, jiddelega lil kull persuna dawk id-drittijiet, id-dmirijiet, is-setgħat u l-funzjonijiet oħra li hu għandu jew mogħtija lilu jew imposti fuqu bl-Atti dwar it-Taxxi.

(2) Il-Kummissarju jista' jaħtar xi persuna li fl-opinjoni tiegħu jkollha l-kwalifiki meħtieġa biex tassistih biex jistabbilixxi l-valur ta' xi proprjetà mobbli jew immobbli għal xi wieħed mill-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi u dik il-persuna għandha, tul iż-żmien tal-ħatra tagħha, titqies bħala uffiċjal impjegat fl-amministrazzjoni ta' l-Atti dwar it-Taxxi u li jaqdi dmirijietu fid-dipartiment tal-Kummissarju.

Segretezza uffiċjali.
*Emendat:*
*XXIV.1995.362;*
*XVI.1997.8;*
*V. 1998.3;*
*II. 2003.41;*
*IV. 2007.24;*
*A.L. 336 tal-2010.*

**4.** (1) Ħlief fejn ikun meħtieġ għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, jew meta l-Prim Ministru jordna xort'oħra, kull persuna li jkollha xi dmir uffiċjali jew li tkun impjegata fl-amministrazzjoni ta' l-Atti dwar it-Taxxi għandha tqis u titratta kollha kemm huma d-dokumenti, informazzjoni, prospetti, u stimi li għandhom x'jaqsmu ma' l-Atti dwar it-Taxxi, jew kopji tagħhom, bħala sigrieti w konfidenzjali w għandha tagħmel u tissottoskrivi quddiem il-Qorti ta' l-Appell, dikjarazzjoni bil-ġurament fuq il-formola preskritta għal hekk.

(2) Ebda persuna maħtura taħt, jew impjegata għat-tmexxija tad-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi ma tkun meħtieġa li turi fil-qrati, tribunali, bord jew kumitat ta' inkjesta, xi prospett, dokument jew stima jew li tikxef jew tikkomunika lil xi qorti, tribunal, bord jew kumitat ta' inkjesta, xi materja jew ħaġa li ssir taf biha fil-qadi ta' dmirijietha taħt l-Atti dwar it-Taxxi ħlief kif ikun meħtieġ sabiex id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi jiġu fis-seħħ, jew għall-iskop, jew fil-kors, ta' prosekuzzjoni għal xi reat magħmul kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

(3) Ebda ħaġa li tinsab f'dan l-artikolu ma għandha tipprevjeni l-kxif lil xi rappreżentant awtorizzat ta' xi Gvern ieħor ta' dik l-informazzjoni li tkun meħtieġa li tinkixef skond -

(*a*) kull arranġament magħmul taħt l-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* inkluż il-kxif ta' dawk il-fatti li jistgħu jkunu meħtieġa biex jista' jkun hemm ħelsien kif kif imiss li jingħata f'Malta jew band'oħra taħt kull tali arranġament jew taħt l-artikolu 89 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; Kap. 123.

(*b*) kull arranġament ieħor bejn Malta u Stati oħra jew l-awtoritajiet tagħhom tat-taxxa li jkun jipprovdi għal skambju reċiproku ta' informazzjoni għal finijiet ta' taxxa.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu dwar segretezza ma japplikawx għal tagħrif li jkun jinsab f'xi prospett ippreżentat skond l-artikoli 10, 21 jew 23 u dwar dawk id-dettalji ta' l-*income* u kif preskritt taħt l-Atti dwar it-Taxxi.

(5) (*a*) Il-Kummissarju għandu jibgħat lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati dikjarazzjoni ċertifikata li turi d-dettalji ta' l-*income* dikjarat minn kull Membru tal-Kamra tad-Deputati għall-fini ta' l-Atti dwar it-Taxxi mis-sena ta' stima li fiha dak il-Membru sar Membru tal-Kamra tad-Deputati għall-ewwel darba u għal kull sena ta' stima sussegwenti sa u inkluża s-sena ta' stima li tiġi wara s-sena li fiha dak il-Membru ma baqax Membru tal-Kamra:

Iżda jekk Membru li ma jkunx baqa' Membru tal-Kamra tad-Deputati kif ingħad qabel jerġa' jsir Membru tal-Kamra, il-Kummissarju għandu jissottometti wkoll lill-i*Speaker* id-dettalji ta' l-*income* dwar il-perijodu li jkopri s-snin meta dak il-Membru ma baqax Membru sakemm reġa' sar Membru tal-Kamra.

(*b*) L-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati għandu, fuq talba bil-miktub minn xi Membru tal-Kamra jew mill-editur responsabbli għal gazzetta reġistrata taħt l-Att dwar l-Istampa, jagħti lil dak il-Membru jew editur id-dettalji ta' l-*income* dwar xi sena ta' stima dikjarata minn xi Membru tal-Kamra tad-Deputati għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, iżda li d-dettalji ta' l-*income* hekk mitluba jkunu ġew mgħoddija lill-i*Speaker* skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*a*) u li qabel ma jagħti dak it-tagħrif l-i*Speaker* għandu jinnotifika lil dak il-Membru li d-dettalji ta' l-*income* tiegħu jkunu qed jiġu mitluba, b'kopja ta' dik it-talba u tar-risposta li tkun qed tingħata. Kap. 248.

(6) B'dan kollu li jinsab f'dan l-artikolu, il-Kummissarju jista' jippermetti lill-Awditur Ġenerali tal-Gvern jew xi uffiċjal ieħor awtorizzat għal hekk mill-Awditur Ġenerali sabiex ikollu aċċess għal kull *records* jew dokumenti li jkunu meħtieġa għall-qadi tad-dmirijiet tiegħu uffiċjali. L-Awditur Ġenerali jew kull uffiċjal bħal dan jitqies li hu persuna impjegata fl-amministrazzjoni ta' dan l-Att għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

(7) B'dak kollu li jinsab f'dan l-artikolu il-Kummissarju jista' jagħmel użu mid-dokumenti, tagħrif u prospetti dwar l-*income* jew partiti ta' *income* ta' kull persuna għall-fini ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u jista' jipproduċi jew iġiegħel lil min jipproduċi f'qorti, f'kull proċedimenti dwar taxxi mħallsa jew li għandhom jitħallsu, u għall-ġbir ta' kull penali mwaħħla bis-saħħa ta' dak l-Att, kopja ta' kull partikolaritajiet li jkun hemm f'xi dokument jew prospett kif intqal fuq, ċertifikata minnu jew miċ-*Chairman* tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bis-saħħa ta' l-artikolu 34 jew mir-Reġistratur tal-Qrati, skond il-każ, li tkun kopja korretta ta' dawk il-partikolaritajiet:

Kap. 364.

Iżda l-Kummissarju jista' jipproduċi jew iġiegħel lil min jipproduċi l-oriġinal ta' kull dokument jew prospett bħal dan f'kull każ li jkun meħtieġ li ssir il-prova tal-kalligrafija jew ta' l-identità tal-persuna li tkun kitbet, għamlet, iffirmat jew tat dak id-dokument jew prospett, iżda biss għall-iskop ta' dik il-prova.

(8) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha żżomm il-konsenja ta' dokumenti mill-Kummissarju skond ma hemm fl-artikolu 57.

(9) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikoli l-oħra ta' dan l-artikolu jew ta' kull liġi oħra, il-Kummissarju għandu jagħti lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud dak it-tagħrif, li jkun tagħrif miksub mill-Kummissarju għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att, hekk kif jista' jiġi ordnat mill-Ministru.

## TAQSIMA III

### Persuni Taxxabbli

Responsabbiltà għat-taxxa ta' aġent jew persuna li tirrisjedi barra minn Malta.
*Emendat: XIII. 2004.86.*
Kap. 123.

**5.** (1) B'żieda mad-disposizzjonijiet li jinsabu fit-Taqsima IX ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, persuna mhux residenti f'Malta (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att msejħa bħala "persuna mhux residenti") tkun taxxabbli u tista' tkun obbligata li tħallas f'isem il-fiduċjarju, *guardian*, tutur, kuratur jew kumitat tagħha, jew fl-isem ta' xi mandatarju, *factor*, aġent, *receiver*, jew *manager* ikunux idaħħlu l-*income* jew le, bl-istess mod u bl-istess ammont bħalma dik il-persuna mhux residenti kienet tkun intaxxata u obbligata li tħallas it-taxxa f'Malta u effettivament iddaħħal dak l-*income*.

Persuna mhux residenti tkun suġġetta għat-taxxa u tista' tkun obbligata li tħallasha dwar kull *income* li jinqala', sew direttament jew indirettament, b'mezz ta' jew minn kariga ta' mandatarju, *factor*, aġent, *receiver*, fergħa jew *manager* u tkun hekk taxxabbli u tista' tkun obbligata li tħallas it-taxxa tal-mandatarju, *factor*, aġent, *receiver*, fergħa jew *manager.*

(2) Meta d-detentur reġistrat ta' sehem ikun iżomm dak is-sehem għall-benefiċċju ta' persuna oħra, il-Kummissarju jkun intitolat iqis dak id-detentur reġistrat bħala intitolat benefiċjalment għal dak is-sehem ħlief kif provdut fis-subartikolu (3).

(3) Meta d-detentur reġistrat ta' sehem li kellu liċenza taħt l-artikolu 51A ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u sakemm jibqa' jkollu dik il-liċenza jew ikun awtorizzat jew b'xi mod ieħor jingħata permess li jaġixxi bħala *trustee* taħt l-artikoli 43 jew 43A ta' l-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees* jew huwa liċenzjat taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment biex jagħmel attivitajiet kif provdut fil-paragrafu 4 ta' l-Ewwel Skeda ta' dak l-Att u jipprovdi lill-Kummissarju b'ċertifikat bil-miktub li hu jżomm is-sehem għall-benefiċċju ta' persuna jew persuni li huma kollha mhux residenti f'Malta għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, il-Kummissarju ma jqisx lid-detentur reġistrat tas-sehem bħala li hu intitolat benefiċjalment għalih. Kap. 330. Kap. 331. Kap. 370.

(4) Persuna msemmija fis-subartikolu (3) li toħroġ lill-Kummissarju ċertifikat falz tkun ħatja li għamlet dikjarazzjoni falza skond it-tifsira ta' l-artikolu 52(1)(*b*).

(5) Il-kaptan ta' kull bastiment li jkun ta' proprjetà ta', jew noliġġat minn, persuna mhux residenti li tkun taxxabbli taħt l-artikolu 28 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għandu (għalkemm mhux b'esklużjoni ta' xi aġent ieħor) jitqies li hu l-aġent ta' dik il-persuna mhux residenti għall-finijiet kollha ta' l-Atti dwar it-Taxxi. Kap. 123.

(6) Meta persuna mhux residenti jkollha negozju ma' persuna residenti, u l-Kummissarju jidhirlu li minħabba l-konnessjoni kbira bejn il-persuna residenti u l-persuna mhux residenti u l-kontroll sostanzjali eżerċitat mill-persuna mhux residenti fuq il-persuna residenti, il-kors tan-negozju bejn dawk il-persuni jista' jkun hekk irranġat u huwa hekk irranġat illi n-negozju magħmul mill-persuna residenti bis-saħħa tal-konnessjoni tagħha mal-persuna mhux residenti ma jipproduċi lill-persuna residenti ebda profitti jew jipproduċi profitti inqas minn dawk ordinarji li wieħed jista' jistenna li jkun hemm minn dak in-negozju, il-persuna mhux residenti tkun taxxabbli u tista' tkun obbligata li tħallas it-taxxa fl-isem tal-persuna residenti daqslikieku l-persuna residenti kienet aġent tal-persuna mhux residenti.

(7) Meta l-Kummissarju jidhirlu illi l-ammont veru tal-qligħ jew profitti ta' xi persuna mhux residenti li għandha tħallas it-taxxa fl-isem ta' persuna residenti ma jistax, f'xi każ individwali, ikun aċċertat mingħajr diffikultà, il-Kummissarju jista', jekk jidhirlu xieraq, jintaxxa u jordna l-ħlas mingħand il-persuna mhux residenti fuq perċentaġġ xieraq u raġunat tat-tħaddim tal-flus tan-negozju magħmul mill-persuna mhux residenti b'mezz tal-persuna residenti jew magħha li fl-isem tagħha huwa taxxabbli kif imsemmi hawn qabel u f'dak il-każ id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi dwar il-kunsinni ta' prospetti jew informazzjonijiet minn persuni li jaġixxu f'isem ħaddieħor jestendu ruħhom b'mod illi jkunu meħtieġa prospetti jew informazzjonijiet li għandhom ikunu fornuti mill-persuna mhux residenti b'mezz tal-persuna residenti jew magħha, l-istess bħalma prospetti jew informazzjonijiet għandhom jiġu kkunsinnati minn persuni li jaġixxu għal persuni inkapaċitati jew mhux residenti dwar l-*income* li għandu jiġi ntaxxat:

Iżda l-ammont tal-perċentaġġ għandu f'kull każ ikun deċiż billi wieħed iħares lejn ix-xorta tan-negozju u għandu, meta jiġi deċiż mill-Kummissarju, ikun suġġett għal appell kif provdut bl-

artikoli 35 u 37.

(8) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tirrendi persuna mhux residenti taxxabbli fl-isem ta' xi sensal, aġent kummissjonant ġenerali jew aġent ieħor meta dak is-sensal, aġent kummissjonant ġenerali jew aġent ma jkunux persuna awtorizzata li tmexxi l-aġenzija regolari tal-persuna mhux residenti, jew persuna taxxabbli daqslikieku hija kienet aġent skond is-subartikoli (5), (6) u (7), dwar qligħ jew profitti li jkun hemm minn bejgħ jew operazzjonijiet li jsiru b'mezz ta' dak is-sensal jew aġent.

(9) Il-fatt meħud waħdu li persuna mhux residenti tagħmel bejgħ jew operazzjonijiet ma' oħrajn mhux residenti f'ċirkostanzi li jagħmluha taxxabbli skond is-subartikoli (5) u (6) fl-isem ta' persuna residenti ma jġibx li hija tkun taxxabbli dwar qligħ jew profitti li jkun hemm minn dak il-bejgħ jew l-operazzjonijiet.

(10) Meta persuna mhux residenti tkun suġġetta għat-taxxa fl-isem ta' xi mandatarju, *factor*, aġent, *receiver*, fergħa jew *manager* dwar xi qligħ jew profitti li jkun hemm mill-bejgħ ta' oġġetti jew prodott manifatturat jew prodott barra minn Malta mill-persuna mhux residenti, il-persuna li f'isimha il-persuna mhux residenti tkun hekk taxxabbli tista', jekk jidhrilha xieraq, titlob lill-Kummissarju sabiex l-istima tat-taxxa dwar dak il-qligħ jew profitti tkun magħmula jew emendata fuq il-bażi tal-profitti illi skond ir-raġuni wieħed għandu jistenna li negozjant jaqla' jew, meta l-oġġetti jinbiegħu bl-imnut mill-fabbrikant jew produttur jew għan-nom tiegħu, li bejjiegħ bl-imnut jaqla' ta' l-oġġetti mibjugħa, li jkun xtara mingħand il-fabbrikant jew produttur direttament, u meta tingħata prova b'sodisfazzjon tal-Kummissarju ta' l-ammont tal-profitti fuq il-bażi hawn fuq imsemmija, l-istima ssir jew tkun emendata skond hekk.

(11) Persuna mhux residenti ma tkunx, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, taxxabbli jew obbligata li tħallas it-taxxa fl-isem ta' aġent jew rappreżentant ieħor dwar qligħ jew profitti li jinqalgħu mill-persuna mhux residenti b'riżultat tal-provvediment f'Malta mill-aġent jew dak ir-rappreżentant l-ieħor ta' xi wieħed mis-servizzi

Kap. 370.

mniżżlin fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, hekk iżda li:

(*a*) is-servizzi ta' investiment konċernati jingħataw fil-kors ordinarju ta' dak in-negozju; u

(*b*) ir-rimunerazzjoni li l-aġent jew ir-rappreżentant l-ieħor jirċievi biex jipprovdi s-servizzi ta' investiment lil persuna mhux residenti tkun b'rata li ma tkunx inqas minn dik li tkun normali għal dik il-klassi ta' negozju, u fil-każ ta' aġent jew rappreżentant ieħor li jipprovdi servizzi ta' investiment bħala parti biss min-negozju, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (*a*) u (*b*) daqslikieku dik il-parti kienet negozju separat.

(12) Għall-finijiet tas-subartikolu (11) aġent jew rappreżentant ieħor jitqies li ta servizz ta' investiment għan-nom tal-prinċipal tiegħu kemm jekk jagħmel l-operazzjoni hu stess kif ukoll jekk jagħti istruzzjonijiet lil persuna oħra.

(13) L-attivitajiet ta’ l-aġent jew rappreżentant ieħor ma jolqtux ir-residenza ta’ persuna mhux residenti għall-finijiet ta’ taxxa.

**6.** Il-persuna li f’isimha bniedem mhux residenti jkun taxxabbli tkun responsabbli għal dak kollu li hu meħtieġ isir bis-saħħa ta’ l-Atti dwar it-Taxxi għall-istima ta’ l-*income* ta’ xi persuna li għaliha hija taġixxi u għall-ħlas tat-taxxa stabbilita fuq dak l-*income*.

Atti li għandhom isiru mill-fiduċjarji, eċċ.

**7.** (1) Il-*manager* jew funzjonarju prinċipali ieħor ta’ kull korp ta’ persuni jkun responsabbli għall-għemil ta’ dawk l-atti, affarijiet u ħwejjeġ kollha illi huma meħtieġa li jsiru bis-saħħa ta’ l-Atti dwar it-Taxxi għall-istima tat-taxxa ta’ dak il-korp u għall-ħlas tat-taxxa.

*Manager* ta’ korpijiet ta’ persuni.

(2) Kull funzjonarju prinċipali bħal dak għandu jħallas it-taxxa mill-proprjetà ta’ l-imsemmi korp ta’ persuni. Iżda hu jkun suġġett għall-ħlas persunalment u *in solidum* ma’ kull persuna oħra responsabbli għaliha, jekk f’xi żmien wara l-1 ta’ Jannar, 1979, hu jkollu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi proprjetà tal-korp ta’ persuni li setgħet tintuża biex titħallas it-taxxa li tkun dak iż-żmien dovuta.

(3) Il-likwidatur ta’ kumpannija li tkun qed tiġi likwidata ma għandux iqassam xi attiv tal-kumpannija lill-azzjonisti tagħha kemm-il darba ma jkunx ipprovda, safejn ikun jista’ jagħmel dan mill-attiv tal-kumpannija, għall-ħlas kollu ta’ xi taxxa li huwa jkun jaf biha jew li jista’ raġonevolment jistenna li għandha titħallas mill-kumpannija taħt l-Atti dwar it-Taxxi u f’każ ta’ nuqqas, dak il-likwidatur ikun suġġett persunalment, u *in solidum* ma’ kull persuna oħra responsabbli għaliha, għall-ħlas tat-taxxa dovuta.

**8.** Kull persuna illi, f’kull kwalità li tkun, iddaħħal flus jew valur li jkun *income* li jinqala’ minn xi wieħed mill-għejjun imsemmija fl-Atti dwar it-Taxxi u li jkunu ta’ jew jappartjenu lil xi persuna li tkun hekk taxxabbli dwar dak l-*income*, jew illi kienet tkun hekk taxxabbli li kieku kienet residenti f’Malta u li ma tkunx persuna inkapaċitata, għandha, kull meta meħtieġa li tagħmel hekk b’xi avviż mill-Kummissarju, tħejji u tikkunsinna, fiż-żmien imsemmi f’dak l-avviż, lista iffirmata minnha li jkun fiha -

Listi li jitlestew mir-rappreżentant jew aġent.

(*a*) dikjarazzjoni vera u korretta ta’ dak l-*income* kollu; u

(*b*) l-isem u l-indirizz ta’ kull persuna li lilha dak l-*income* ikun jappartjeni, u d-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi dwar in-nuqqas tal-kunsinna ta’ listi jew informazzjonijiet skond avviż mingħand il-Kummissarju jkunu jgħoddu għal dawn il-listi.

**9.** Kull persuna responsabbli taħt l-Atti dwar it-Taxxi għall-ħlas ta’ taxxa f’isem persuna oħra tista’ żżomm minn xi flus li jiġu f’idejha f’isem dik il-persuna l-oħra daqs hekk minnhom daqs kemm ikun biżżejjed sabiex titħallas dik it-taxxa, u tkun u hija hawnhekk b’dan l-Att indennizzata kontra kull persuna, hi min hi, għall-ħlasijiet kollha magħmulin minnha skond u bis-saħħa ta’ l-Atti dwar it-Taxxi.

Indennizz ta’ rappreżentant.

TAQSIMA IV

**Prospetti**

Prospett ta' l-*income*. *Sostitwit: IX. 1999.2.*

**10.** (1) il-Kummissarju jista', b'avviż bil-miktub, jeħtieġ lil kull persuna sabiex tagħtih sa mhux aktar tard minn dik id-data li tista' tiġi stabbilita, prospett ta' l-*income* li jkun fih dawk il-partikolaritajiet, dikjarazzjonijiet, kontijiet, kalkoli jew dokumenti oħra li jkunu meħtieġa sabiex l-*income* u t-tnaqqis permess ta' dik il-persuna u t-taxxa li titħallas minn, jew li titħallas lura lil dik il-persuna jkunu jistgħu jigu aċċertati malajr skond u għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

(2) Il-Kummissarju jista', permezz ta' l-avviż imsemmi fis-subartikolu (1), jeħtieġ lil kull persuna sabiex tinkludi fil-prospett tagħha għas-sena ta' stima 1999 u għal kull sena ta' stima sussegwenti, stima personali, jiġifieri kalkolu li jkun juri:

(*a*) l-*income* taxxabbli ta' dik il-persuna għas-sena ta' stima fuq il-bazi ta' l-informazzjoni li tkun tinsab fil-prospett ta' l-*income*;

(*b*) l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas fuq dak l-*income*; u

(*ċ*) it-taxxa li għandha titħallas minn, jew li titħallas lura lil dik il-persuna għas-sena ta' stima, li tkun id-differenza bejn it-taxxa kalkolata taħt il-paragrafu (*b*) u t-total sħiħ tas-somom imsemmija fis-subparagrafi li ġejjin, bla ma jittieħed kont ta' xi kreditu, ħelsien jew taxxa mħallsa, miżmuma, li għandha titħallas jew titħallas lura għal xi sena oħra ta' stima:

(i) kull taxxa provviżorja mħallsa u kull taxxa mnaqqsa minn ras il-għajn li tkun se titpatta jew li tkun disponibbli bħala kreditu skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi kontra t-taxxa kalkolata taħt il-paragrafu (*b*);

(ii) kull kreditu jew ħelsien ta' taxxa mitlub u dovut skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima X ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għar-rigward ta' l-*income* taxxabbli kalkolat taħt il-paragrafu (*a*);

Kap. 123.

(iii) kull ammont ieħor imħallas akkont ta' l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas għas-sena ta' stima kif kalkolat taħt il-paragrafu (*b*).

(3) Stima personali m'għandhiex titqies bħala stima għal xi għan ta' l-Atti dwar it-Taxxi u kull riferenza f'dawk l-Atti għal stima m'għandhiex tiftiehem bħala stima personali, jew li tinkludi referenza għaliha.

(4) Meta persuna li tkun meħtieġa li tibgħat prospett ta' l-*income* taħt dan l-artikolu tkun kumpannija residenti f'Malta, din għandha tibgħat flimkien mal-prospett dawk id-dokumenti li hemm speċifikati fl-artikolu 19(4).

(5) Ebda prospett li jkun intbagħat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandu jitqies li jkun ġie hekk mibgħut kemm-

il darba dan ma jkunx sħiħ fid-dettalji materjali kollha tiegħu, inkluża stima personali meta din tkun meħtieġa bl-avviż imsemmi fis-subartikolu (1), u kemm-il darba ma jkollux inklużi miegħu dawk id-dokumenti li jkunu meħtieġa skond id-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu.

Kummissarju jista' jitlob informazzjoni. *Miżjud: II. 2003.42. Emendat: II. 2005.31. Sostitwit: I. 2008.2.*

**10A.** (1) Il-Kummissarju jista', kull meta u kull darba li huwa jqis li jkun hekk meħtieġ, javża bil-miktub lil kull persuna sabiex din tgħaddilu, fi żmien raġonevoli li jissemma' f'dak l-avviż u li ma jkunx wieħed inqas minn tletin ġurnata, dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa sabiex tkun tista' tingħata informazzjoni, inklużi dokumenti, lil awtoritajiet tat-taxxa barranin meta jkunu jeżistu arranġamenti bejn Malta u l-Istat rispettiv jew l-awtoritajiet tat-taxxa tiegħu għal skambju reċiproku ta' informazzjoni għal finijiet ta' taxxa.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw ukoll jekk il-Kummissarju ma jkunx jista' jiġbor l-informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandu jkollhom seħħ fir-rigward ta' kull persuna, entità jew skema, inkluża persuna, entità jew skema msemmija fl-artikolu 17, minkejja kull obbligazzjoni ta' segretezza jew kunfidenzjalità, jew ta' kull restrizzjoni oħra li jkollha x'taqsam ma' l-iżvelar ta' informazzjoni.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "taxxa" tfisser kull taxxa li dwarha jkun japplika kull arranġament bħal dak imsemmi fis-subartikolu (1).

(4) Is-setgħat li għandu l-Kummissarju li jeħtieġ lil xi persuna tagħtih informazzjoni taħt dan l-artikolu jinkludu s-setgħa:

(*a*) li jeħtieġ lil xi persuna timla u tibgħat lill-Kummissarju kull prospett speċifikat f'dak l-avviż;

(*b*) li jsejjaħ lil xi persuna li, huwa għandu għalfejn jaħseb, tista' tagħti informazzjoni għall-fini ta' dan l-artikolu, sabiex tidher quddiemu u li jeżamina lil dik il-persuna bil-ġurament jew xort'oħra;

(*ċ*) li jeħtieġ lil xi persuna li ġġib magħha bil-għan li jiġu eżaminati kotba, dokumenti, kontijiet (inklużi dikjarazzjonijiet bankarji, *passbooks* kif ukoll kull dokument bankarju ieħor) u kull dokument ieħor li l-Kummissarju jista' jeħtieġ jew kopja jew estratt ta' dawn;

(*d*) li jeħtieġ lil xi persuna tagħtih informazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet bil-miktub;

(*e*) li jeħtieġ lil xi persuna tawtentika f'dik l-għamla li l-Kummissarju jista' jqis li tkun adatta jew skond ma jista' jiġi preskritt, dokument preparat minn dik il-persuna jew estratt ta' dak id-dokument jew kopja ta' xi dokument li jkun jinsab għand dik il-persuna jew ta' estratt ta' dak id-dokument;

(*f*) li jeħtieġ lil xi persuna tikkonferma bil-ġurament xi dikjarazzjoni li hija tagħmel jew xi dokument preparat

minnu;

(*g*) li jeħtieġ lil xi persuna tipprovdi informazzjoni, dokumenti jew dikjarazzjonijiet bil-miktub f'kull għamla oħra li l-Ministru jista' jippreskrivi.

Meta ma jkunx riċevut avviż. *Sostitwit: IX. 1999.2.*

**11.** Meta xi persuna suġġetta għat-taxxa ma tkunx irċeviet l-avviż imsemmi fl-artikolu 10(1) dwar xi sena ta' stima li għaliha tkun hekk taxxabbli sa dik id-data li tista' tiġi stabbilita għall-iskop ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 10 għandhom japplikaw għaliha bħallikieku kienet debitament notifikata b'avviż skond is-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu u, għar-rigward tas-sena ta' stima 1999 u ta' kull sena ta' stima sussegwenti, b'avviż skond is-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu, u jkun id-dmir ta' dik il-persuna li tibgħat prospett ta' l-*income* skond dak l-artikolu inkluż, meta dan ikun japplika, stima personali għal dik is-sena u li tħares kull provvediment ieħor ta' l-imsemmi artikolu.

Meta jintgħażel li ma jintbagħtx prospett. *Sostitwit: IX. 1999.2.*

**12.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 10 u 1 1 ta dan l-Att, iżda mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, persuna li għaliha japplika dan l-artikolu ma tkunx meħtieġa li tibgħat prospett ta' l-*income* għal xi sena ta' stima jekk hija tagħmel dik l-għażla għal dik is-sena taħt u skond dan l-artikolu.

(2) Dan l-artikolu japplika għal:

(*a*) individwu residenti f'Malta li l-*income* totali tiegħu għas-sena ta' stima -

Kap. 123.

(i) ma jkunx jinkludi xi *income* li jaqa' taħt l-artikolu 4(1)(*a*) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; u

Kap. 123.

(ii) ma jkunx jeċċedi l-ammont li għalih tkun tapplika rata "*nil*" ta' taxxa skond id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikolu 56(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*;

(*b*) individwu residenti f'Malta li l-*income* totali tiegħu għas-sena ta' stima jkun jikkonsisti unikament minn *income* li kien suġġett għal tnaqqis minn ras il-għajn, inkluż *income* suġġett għal rata "*nil*" ta' tnaqqis, skond ir-regolamenti magħmulin għall-għanijiet ta' l-artikolu 23 u għal kollox rapportati f'dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet ta' qligħ imħejjija skond ir-regolamenti msemmija u miżmumin fil-pussess tiegħu;

(*ċ*) persuna li tissemma bħala persuna li għaliha japplika dan l-artikolu b'regolamenti li jistgħu jsiru taħt dan l-artikolu.

Kap. 123.

(3) (*a*) Meta persuna jkollha għażla skond xi disposizzjoni ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* li ssemmi jew ma ssemmix xi *income*, dak m'għandux jitqies bħala tali għall-finijiet tas-subartikolu (2), u jekk dik il-persuna tagħmel għażla skond dan l-artikolu hija għandha titqies għall-għanijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi li tkun

għażlet li ma ssemmix dak l-*income* u dak l-*income* m'għandux ikun parti mill-*income* totali tagħha.

(*b*) Meta persuna tagħmel għażla taħt dan l-artikolu, l-*income* li kienet tkun meħtieġa li ssemmi li kieku ma kienx għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, għandu jitqies sabiex jiġi stabbilit l-*income* totali tagħha għal xi għan ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

(*ċ*) Meta persuna tagħmel għażla taħt dan l-artikolu u tkun ukoll eliġibbli li tagħmel għażla għal kalkolu separat taħt l-artikolu 50 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, dik il-persuna għandha titqies bħala li tkun għamlet l-għażla l-iktar vantaġġuża taħt dak l-artikolu skond iċ-ċirkostanzi partikolari tagħha. Kap. 123.

(*d*) Għar-rigward ta' individwu miżżewweġ li jkun qed jgħix mal-konjuġi relattiv ir-referenzi f'dan l-artikolu għall-individwu għandhom jiftiehmu bħala referenzi għall-konjuġi responsabbli u referenzi għall-*income* jew għall-*income* taxxabbli ta' l-individwu għandhom jiftiehmu bħala referenzi għall-*income* jew għall-*income* taxxabbli taż-żewġ konjuġi.

(4) (*a*) Għażla taħt dan l-artikolu għandha ssir billi tintbagħat lill-Kummissarju dikjarazzjoni ffirmata li tkun tikkonferma li persuna tkun eliġibbli li tagħmel dik l-għażla skond dan l-artikolu u li tkun konformi mad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan is-subartikolu.

(*b*) M'għandhiex titqies li tkun saret għażla taħt dan l-artikolu kemm-il darba:

(i) din ma tkunx saret minn persuna li għaliha japplika dan l-artikolu;

(ii) din ma ssirx fuq il-formola preskritta u jkun fiha dawk il-partikolaritajiet u jkollha inklużi dawk id-dokumenti li jistgħu jinħtieġu skond dik il-formola; u

(iii) din ma tintbagħatx lill-Kummissarju sa mhux aktar tard minn dik id-data li tista' tkun preskritta.

**12A.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 10, 11 u 12, iżda mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, persuna ma tkunx meħtieġa li tippreżenta prospett dwar *income* imsemmi fl-artikolu 10(1) jew tagħmel għażla skond l-artikolu 12 meta l-Kummissarju jagħti lil din il-persuna avviż għal dan il-għan.

L-ebda obbligu biex jiġi ppreżentat prospett dwar *income*. *Miżjud: IV. 2007.25.*

(2) L-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jkun fih l-*income* ta' dik il-persuna, liema *income* għandu jiġi dikjarat għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, kif dan l-*income* ikun magħruf mill-Kummissarju fiż-żmien tan-notifika ta' dak l-avviż.

(3) Meta persuna li tiġi notifikata bl-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) ikollha *income* meħtieġ li jiġi dikjarat li jkun ogħla minn dak muri f'dak l-avviż, dik il-persuna tkun obbligata

tippreżenta prospett dwar *income* skond l-artikolu 10(1).

(4) Meta avviż imsemmi fis-subartikolu (1) jirriżulta f'rifużjoni ta' taxxa, il-Kummissarju jirrifondi lura din it-taxxa wara li l-persuna li rċeviet dan l-avviż tkun qablet bil-miktub li din ir-rifużjoni hija dovuta lilha, u jekk imbagħad jirriżulta li r-rifużjoni ma tkunx kompletament jew parzjalment dovuta lill-persuna msemmija u jirriżulta li dik il-persuna ma tkunx ottemperat ruħha mad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48(9).

Prospetti oħra.
*Sostitwit: IX. 1999.2.*
*Emendat: II. 2009.29.*

**13.** (1) Il-Kummissarju, kull meta jidhirlu meħtieġ, javża bil-miktub lil persuna li tkun għamlet prospett skond l-artikolu 10 fejn jitlobha tibgħatlu, fi żmien xieraq imsemmi f'dak l-avviż, u li ma jkunx inqas minn tletin jum, prospetti iktar kompiti jew oħrajn li jkunu jirrigwardaw kull ħaġa li dwarha jkun meħtieġ prospett skond dak l-artikolu.

(2) Il-Kummissarju jista' jagħti avviż bil-miktub lil persuna li tkun għamlet għażla skond l-artikolu 12 li tibgħat prospett ta' l-*income* u li tagħmel stima personali skond l-artikolu 10 u li tħares id-disposizzjonijiet l-oħra ta' dak l-artikolu fiż-żmien xieraq imsemmi f'dak l-avviż u li ma jkunx ta' inqas minn tletin jum.

(3) Persuna li tkun bagħtet prospett ta' l-*income* tista' f' kull żmien qabel ma ssir stima taħt l-artikolu 31 tagħmel dawk il-korrezzjonijiet jew żjidiet f'dak il-prospett li tqis meħtieġa billi tibgħat prospett ieħor b'dak il-mod u fuq dik il-formola li tista' tiġi preskritta.

(4) Meta prospett ieħor li jsir skond is-subartikolu (3) għar-rigward ta' xi sena ta' stima jkun juri tnaqqis fit-taxxa li għandha titħallas minn, jew żjieda fit-taxxa li għandha titħallas lura lil dik il-persuna minn kif kien jidher fil-prospett ta' qabel, l-aħħar prospett m'għandu jkollu ebda effett għall-għanijiet ta' dan l-Att jekk isir iktar tard minn ħames snin mill-iskadenza ta' dik is-sena ta' stima.

(5) Persuna li tkun għamlet għażla skond l-artikolu 12 għar-rigward ta' xi sena ta' stima tista' f'kull żmien matul dik is-sena ta' stima jew fi żmien ħames snin mill-iskadenza tagħha, iżda qabel ma ssir stima skond l-artikolu 31, tibgħat lill-Kummissarju prospett ta' l-*income* inkluża stima personali fuq dik il-formola li tista' tiġi preskritta.

(6) Meta jintbagħat prospett għal xi sena ta' stima b'mod konformi ma' , u skond dan l-artikolu dan għandu jitqies li jkun prospett ta' l-*income* magħmul taħt l-artikolu 10 u għandu jinqara u jiftiehem bħala ħaġa waħda ma' kull prospett ieħor li seta' sar għal dik l-istess sena, u kull determinazzjoni magħmula taħt l-artikolu 31 għandu jkun rivedut u sostitwit kif meħtieġ, iżda:

(*a*) dak il-prospett m'għandux jeħles lil persuna minn xi penali, taxxa, taxxa addizzjonali jew imgħax li setgħet inkorriet skond xi provvediment ta' l-Atti dwar it-Taxxi;

(*b*) persuna li tkun għamlet għazla taħt l-artikolu 12 u li

tibgħat prospett skond is-subartikolu (2) jew is-subartikolu (5) m'għandhiex titqies li tkun naqset għall-fatt biss li l-prospett jintbagħat wara ż-żmien preskritt għall-għanijiet ta' l-artikolu 10(1).

(7) Il-Kummissarju jista' jagħti avviż bil-miktub lil kull persuna biex jinfurmaha li ser issir inkjesta dwar id-dikjarazzjonijiet ta' taxxa li dik il-persuna tkun għamlet u dwar kull passiv li jkollha rigward dawk is-snin ta' stima kif ikun indikat fl-imsemmi avviż.

Ordni għall-għoti ta' prospetti, kotba, eċċ. *Emendat: II. 2003.43.* Kap. 123.

**14.** Sabiex jikseb informazzjoni sewwa dwar l-*income* ta' xi persuna, il-Kummissarju jista', minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jagħti avviż lil dik il-persuna fejn jeħtieġ minn għandha li, fi żmien xieraq, tlesti u tikkunsinna lill-Kummissarju xi prospett speċifikat f'dak l-avviż u/jew sabiex tmur hi stess jew billi tibgħat lil ħaddieħor minflokha quddiemu u turih, għall-eżami, il-kotba, dokumenti, kontijiet u prospetti (inklużi dikjarazzjonijiet u kotba tal-bank) illi l-Kummissarju jidhirlu meħtieġa.

Il-prospetti jitqiesu li jkunu fornuti bis-setgħa meħtieġa.

**15.** Prospett, dikjarazzjoni jew formula li jidhru li huma fornuti taħt l-Atti dwar it-Taxxi minn jew f'isem persuna għandhom, għall-finijiet kollha, jitqiesu li ġew fornuti minn dik il-persuna jew bl-awtorità tagħha, skond il-każ, sakemm ma jkunx pruvat il-kuntrarju, u kull persuna li tiffirma xi prospett, dikjarazzjoni jew formula bħal dawk għandha titqies li taf b'kull ma jinsab fihom.

Informazzjoni uffiċjali. *Emendat: II. 2005.32; I. 2008.3.*

**16.** Il-Kummissarju jista' jeħtieġ lil kull persuna li għandha kariga jew impieg, kemm jekk imħallsa kemm jekk le, mal-Gvern ta' Malta jew ma' xi organizzazzjoni jew korp ieħor, sew jekk għandhom personalità legali u sew jekk le, li fihom il-Gvern ta' Malta jew xi korp kif intqal qabel ikollu setgħa li jikkontrolla jew li fuqhom ikollu kontroll effettiv, sabiex jagħtih l-informazzjonijiet dwar kull ħaġa skond kif ikun meħtieġ għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi u li jistgħu jkunu fil-pussess ta' dik il-persuna li jkollha dik il-kariga jew impjieg:

Iżda, bla ħsara għall-artikolu 10A, ebda persuna li jkollha dik il-kariga jew impieg kif imsemmi qabel, ma għandha, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, tkun obbligata li tikxef xi informazzjoni dwar persuna li dwarha dik il-persuna b'dik il-kariga jew impjieg tkun marbuta bis-sigriet professjonali. Meta xi informazzjoni tkun protetta bis-sigriet professjonali għall-benefiċċju ta' xi persuna, xejn f'dan il-proviso ma għandu jipprekludi l-għoti ta' informazzjoni bħal dik għar-rigward ta' xi persuna oħra, li minnha jinqata' barra isem dik il-persuna li fl-interess tagħha tingħata dik il-protezzjoni.

Sigriet professjonali. *Emendat: II. 2004.48; I. 2008.4.*

**17.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet dwar ir-rabta ta' sigriet professjonali, u bla ħsara għall-artikolu 10A, ebda talba għal informazzjoni ma għandha ssir skond xi setgħa mogħtija taħt l-Atti dwar it-Taxxi mingħand il-persuni liċenzjati li ġejjin:

(*a*) bank liċenzjat taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju; Kap. 371.

(*b*) kumpannija ta' assigurazzjoni dwar kummerċ ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja li jitmexxa skond liċenza maħruġa taħt l-Att dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni;

Kap. 290 - Revokat.

(*ċ*) kull persuna liċenzjata li tmexxi negozju ta' investiment taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;

Kap. 370.

(*d*) skema ta' investiment kollettiv liċenzjata taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;

Kap. 370.

(*e*) *stockbroker* liċenzjat taħt l-Att dwar il-Borża ta' Malta,

Kap. 345.

ħlief biss biex jiġi stabbilit l-*income* taxxabbli ta' dik il-persuna liċenzjata, u fir-risposta għal kull talba bħal dik il-persuna liċenzjata m'għandhiex tikxef xi informazzjoni dwar l-affarijiet ta' persuni li magħhom il-persuna liċenzjata jkollha jew kellha relazzjonijiet professjonali:

Iżda xejn f'dan l-artikolu ma għandu jippreġudika d-dritt tal-Kummissarju li jagħmel talba li jirreferi għaliha l-artikolu 34(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income.*

Kap. 123.

Sostituzzjoni ta' prospetti oriġinali. *Emendat: IX. 1999.3.*

**18.** (1) Meta xi prospett, dikjarazzjoni jew formula magħmula u konsenjata lill-Kummissarju għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi tkun intilfet jew ġiet distrutta, jew tkun ġiet imħassra jew ġratilha ħsara hekk li ma tkunx tinqara jew tkun xort'oħra bla siwi, il-Kummissarju jista' jeħtieġ lill-persuna li tkun għamlet jew ikkonsenjat, jew li f'isimha jkun ġie magħmul jew ikkonsenjat, dak il-prospett, dikjarazzjoni jew formula li tagħtih mill-aħjar li tista' kopja duplikata ta' dak il-prospett, dik id-dikjarazzjoni jew formula jew li tagħti dik l-informazzjoni, partikolaritajiet jew provi li jkunu meħtieġa minflokhom.

(2) Ebda ħaġa li tinsab f'dan l-artikolu ma tolqot id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 30(4) u (5) jew ta' l-artikolu 31(5) u (6), u lanqas il-Kummissarju ma jkollu s-setgħa li jitlob kopja ta' xi prospett, dikjarazzjoni jew prova dwar xi sena ta' stima meta l-iffissar ta' l-istima relattiva jkun preskritt skond id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija subartikoli.

*Records* li għandhom jinżammu. *Emendat: XX. 1996.21; II. 2007.23; IV. 2007.26.*

**19.** (1) Kull persuna li jkollha sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni għandha żżomm *records* xierqa u suffiċjenti ta' l-*income* u spejjeż tagħha sabiex l-*income* u t-tnaqqis permess tagħha jkunu jistgħu jiġu aċċertati malajr.

(2) Ir-*records i*msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jinkludu:

(*a*) kontijiet xierqa dwar -

(i) is-somma ta' flus kollha riċevuti jew minfuqa u l-ħwejjeġ li dwarhom ikunu saru r-riċevuti jew l-infiq, u

(ii) kull bejgħ, xiri jew servizzi mogħtija, kif ukoll kull transazzjoni, att jew operazzjoni oħra li għandhom x'jaqsmu mas-sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni;

(*b*) kont ta' profitt u telf jew dikjarazzjoni annwali ekwivalenti;

(*ċ*) dikjarazzjoni ta' l-attiv u l-passiv kif kienu fid-data li fiha l-kontijiet annwali tas-sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni jkunu magħluqa jew, fil-każ ta' kumpannija, *balance sheet.*

(3) Bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa li jimponi, il-Kummissarju jista' jeżenta lil kull persuna dwar kull sena ta' stima milli żżomm xi *record* jew dikjarazzjoni kif imsemmi fis-subartikolu (2).

(4) Ir-*records* meħtieġa li jinżammu b'dan l-artikolu għandhom ikunu ppruvati b'dawk id-dokumenti li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi, inklużi -

(*a*) fil-każ ta' kumpannija reġistrata f'Malta, il-*balance sheet* u l-kont ta' profitt u telf, li għandhom iħarsu f'kull dettall id-disposizzjonijiet applikabbli ta' l-artikoli 167, 168 u 169 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, u minkejja kull eżenzjoni magħmula b'dak l-Att jew b'xi liġi oħra, dik il-*balance sheet* u l-kont ta' profitt u telf għandu jkollhom magħhom rapport magħmul minn awditur pubbliku ċertifikat kif provdut bid-disposizzjonijiet applikabbli ta' l-artikoli 179 u 181 ta' dak l-Att: Kap. 386.

Iżda fil-każ ta kumpannija li mhix residenti f'Malta, dawn ir-*records* għandhom ikunu dawk li jirreferu għall-attivitajiet tal-kumpannija f'Malta.

(*b*) fil-każ ta' għaqda koperativa, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati ta' l-għaqda, imħejjija f'kull dettal kif meħtieġ bil-liġi li għal dak iż-żmien tkun fis-seħħ li tirregola għaqdiet koperattivi u jkollhom magħhom kull rapport li b'dik il-liġi jkun meħtieġ li għandu jkun mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati ta' l-għaqda.

(5) Ir-*records* kollha meħtieġa li jinżammu skond xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jiġu konservati għal żmien ta' mhux inqas minn disa' snin wara li jkunu tlestew it-transazzjonijiet, l-atti jew l-operazzjonijiet li għalihom jirreferixxu:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma japplikawx meta jkun ingħata effett lid-disposizzjonijiet ta' lartikolu 26, ta' l-artikolu 163(5) jew ta' l-artikolu 324(2) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji. Kap. 386.

Ċerti setgħat tal-Kummissarju. *Emendat: IX. 2001.31; II. 2005.33; A.L. 425 tal-2007.*

**20.** (1) Il-Kummissarju, jew kull uffiċjal awtorizzat minnu bil-miktub, ikollu l-jedd kollu ta' aċċess liberu fil-postijiet kollha ta' negozju jew professjoni bħal uffiċċji, fabbriki, ħwienet tax-xogħol, imħażen, garaxxijiet u art li sservi għal hekk sabiex ikun jista' jispezzjona dawk il-kotba, dokumenti, kontijiet u prospetti jew josserva u jirreġistra x-xorta u l-importanza ta' kull attività ta' negozju jew professjonali li titmexxa hemmhekk, u sabiex jivverifika l-eżistenza ta' merkanzija u mezzi ta' produzzjoni u trasport u għandu jkollu l-jedd ta' aċċess liberu għal kull proprjetà

mobbli jew immobbli li jkun meħtieġ li jiġi stabbilit il-valur tagħha għal kull fini ta' l-Atti dwar it-Taxxi sakemm dak l-aċċess ikun jista' jgħinu biex jistabbilixxi dak il-valur iżda ma jkollu ebda setgħa taħt dan l-artikolu li jaqbad u jieħu xi ħaġa minn dak il-post:

Iżda l-Kummissarju jew uffiċjal awtorizzat minnu kif intqal qabel ma jistax jaqbad xi att jew reġistru nutarili, u ma jistax jispezzjona testmenti pubbliċi, l-atti ta' kunsinna ta' testmenti sigrieti u r-reġistri tagħhom matul il-ħajja tat-testatur jew testaturi, mingħajr il-permess bil-miktub ta' dak it-testatur jew dawk it-testaturi:

Iżda wkoll il-Kummissarju jew uffiċjal awtorizzat minnu kif intqal qabel ma jistax jispezzjona xi dokument jew reġistru ieħor li jkun imħares bir-rabta ta' sigriet professjonali li jisma' xi taħdita jew mezz ta' reġistrazzjoni li jkunu mħarsa bl-istess sigriet.

(2) Jekk fl-eżeċizzju tas-setgħat tiegħu taħt is-subartikolu (1), il-Kummissarju jew persuna awtorizzata minnu kif imsemmi, jeħtieġ aċċess f'xi post li għal kollox jew f'parti jkun okkupat bħala residenza, dak l-aċċess jeħtieġ il-preżenza ta' uffiċjal tal-Pulizija ta' grad ta' mhux anqas minn spettur u ma jistax isir bejn id-disgħa ta' filgħaxija u l-ħamsa ta' filgħodu.

(3) Il-Kummissarju għandu, sabiex jagħmel stima tat-taxxa taħt l-Atti dwar it-Taxxi, ikollu l-jedd li jagħmel ir-rikors imsemmi fl-artikolu 68(2)(*a*) ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, u d-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi subartikolu (2) għandhom, safejn ikunu applikabbli, japplikaw għal dak ir-rikors. Kap. 55.

(4) Jekk xi persuna timpedixxi jew tfixkel lill-Kummissarju jew l-imsemmi uffiċjal fl-esekuzzjoni ta' dmirijietu, jew tirrifjuta li tħares xi talba magħmula mill-Kummissarju jew mill-imsemmi uffiċjal skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, hija, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, tkun suġġetta għal multa ta' mhux inqas minn tmienja u ħamsin euro (58) u mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro (465) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew sew għal dik il-multa u dik il-priġunerija flimkien.

(5) Is-setgħat ta' investigazzjoni taħt dan l-artikolu ma jkunux eżerċitati kemm-il darba l-Kummissarju jew xi uffiċjal awtorizzat minnu, ma jkollux raġunijiet xierqa jissuspetta li jkun hemm evażjoni tat-taxxa dwar operazzjonijiet li jkunu qed isiru mit-*taxpayer* fil-post imsemmi fis-subartikolu (1).

Prospett li jingħata minn min iħaddem nies oħra.

**21.** (1) Kull min iħaddem nies oħrajn, meta meħtieġ li jagħmel hekk, b'avviż mingħand il-Kummissarju, għandu, fiż-żmien stabbilit fl-avviż, ilesti u jikkunsinna għal xi sena prospett li jkun fih -

(*a*) l-ismijiet u l-indirizzi ta' fejn joqogħdu l-persuni kollha impjegati minnu; u

(*b*) il-ħlasijiet u *allowances* magħmulin lil dawk il-persuni dwar dak l-impieg,

u d-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi dwar in-nuqqas tal-kunsinna tal-prospetti jew informazzjonijiet skond avviż mingħand

il-Kummissarju jkunu jgħoddu għal dak il-prospett.

(2) Meta dak li jħaddem oħrajn ikun korp ta' persuni, il-*manager* jew funzjonarju ieħor prinċipali jitqies li huwa l-persuna li tħaddem għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u kull direttur ta' kumpannija, jew persuna mqabbda fid-direzzjoni ta' kumpannija, jitqiesu li huma persuna impjegata.

Ħlas ta' taxxa ta' individwi impjegati iżda mhux domiċiljati jew ordinarjament residenti f'Malta.

**22.** (1) F'dan l-artikolu l-frażi "individwu li għalih dan l-artikolu jgħodd" tfisser individwu li mhux domiċiljat f'Malta jew li, jekk hekk domiċiljat, mhux ordinarjament residenti fiha.

(2) Meta xi persuna timpjega f'Malta individwu li għalih dan l-artikolu jgħodd li huwa jew aktarx ikun taxxabbli skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi għandha tagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-bidu ta' dak l-impieg, li juri l-isem u l-indirizz sħiħ ta' dak l-individwu, id-data tal-bidu u l-patti ta' impieg.

(3) Kull persuna li ttemm milli timpjega f'Malta individwu li għalih dan l-artikolu jgħodd u li huwa jew aktarx ikun taxxabbli skond l-Atti dwar it-Taxxi, għandha tagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju mhux anqas minn xahar qabel ma dak l-individwu jtemm milli jkun impjegat minnha f'Malta, li juri l-isem u l-indirizz ta' l-individwu u d-data mistennija ta' temm:

Iżda l-Kummissarju jista' jaċċetta dak l-avviż aqsar li jista' jidhirlu xieraq.

(4) Kull persuna li timpjega f'Malta individwu li għalih dan l-artikolu jgħodd u li skond tagħrif ta' dik il-persuna jkun sejjer jitlaq jew bi ħsiebu jitlaq minn Malta fit-temm ta' l-impieg tiegħu ma' dik il-persuna għandha tagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju dwar id-data mistennija ta' tluq ta' dak l-individwu. Dan l-avviż għandu jingħata mhux anqas minn xahar qabel id-data mistennija ta' tluq:

Iżda l-Kummissarju jista' jaċċetta dak l-avviż aqsar li jista' jidhirlu xieraq.

(5) Meta xi persuna fil-kapaċità tagħha bħala persuna li tħaddem individwu hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi jkollha fil-pussess tagħha xi flejjes ikunu li jkunu li huma jew jistgħu jkunu dovuti lil jew għall-benefiċċju ta' individwu li għalih dan l-artikolu jgħodd u li jkun temm jew ikun sejjer itemm milli jkun impjegat minn dik il-persuna f'Malta, m'għandhiex mingħajr il-permess tal-Kummissarju, b'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra, tħallas ebda parti minn dawk il-flejjes lil jew għall-benefiċċju ta' dak l-individwu sat-temm ta' tletin ġurnata wara l-irċevuta mill-Kummissarju ta' dak l-avviż kif meħtieġ li jingħata skond is-subartikolu (4).

(6) Il-Kummissarju jista' b'avviż bil-miktub kull meta jidhirlu xieraq jiddikjara lil kull persuna li timpjega f'Malta individwu li għalih dan l-artikolu jgħodd, li jkun individwu li huwa jew aktarx ikun taxxabbli skond l-Atti dwar it-Taxxi, biex tkun il-persuna rappreżentanti li tħallas it-taxxa dwar dak l-individwu, u l-persuna hekk dikjarata għandha tkun il-persuna rappreżentanti li tħallas it-

taxxa dwar dak l-individwu għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi u tista' tkun meħtieġa li tħallas kull taxxa dovuta minn dak l-individwu minn proprjetà jew flejjes, magħduda pensjoni, salarju, pagi jew kull kumpens li jista' jkun dovut minnha lil dak l-individwu u, f'nuqqas, dak il-ħlas għandu, b'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra, jinġabar mill-persuna rappreżentanti li tħallas it-taxxa hekk dikjarata mill-Kummissarju bil-mod maħsub fit-Taqsima VII ta' dan l-Att.

(7) Kull avviż li għandu jingħata lill-Kummissarju skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandu jingħata b'żieda ma' kull avviż ieħor li għandu jingħata skond l-artikolu 23.

(8) Meta jingħataw servizzi f'Malta għal xi persuna residenti f'Malta minn individwu li ma jkollux min iħaddmu f'Malta d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għal dik il-persuna residenti bl-istess mod daqslikieku kienet il-persuna li tħaddem lill-imsemmi individwu.

Hlas bi tnaqqis minn ċertu *income.*
*Emendat:*
*V. 1998.5;*
*IX. 1999.4;*
*II. 2003.44;*
*II. 2004.49;*
*A.L. 425 tal-2007.*
Kap. 123.

**23.** (1) Meta xi persuna tħallas xi *income* taxxabbli taħt l-artikolu 4(1)(*a*), (*b*) jew (*d*) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jew xi *income* hekk kif jista' jiġi preskritt, hi għandha, fil-ħin tal-ħlas, tnaqqas it-taxxa minnu f'dak l-ammont u b'dak il-mod hekk kif jista' jiġi preskritt skond dan is-subartikolu jew skond kull disposizzjoni oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

(2) Kull taxxa mnaqqsa kif meħtieġ skond is-subartikolu (1) għandha tintbagħat lill-Kummissarju b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk preskritt.

(3) Tnaqqis ta' taxxa li jsir taħt is-subartikolu (1) għandu jitpatta għall-finijiet ta' ġbir mat-taxxa li għandha titħallas fuq l-*income* korrispondenti għas-sena ta' stima li tiġi wara dik li matulha jkun sar it-tnaqqis relattiv, jew ma' dik ta' xi sena ta' stima oħra kif jagħżel il-Kummissarju u kull taxxa li ma tistax titpatta kif intqal qabel għandha tiġi mħallsa lura skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48:

Iżda dik it-taxxa m'għandhiex titpatta jew titħallas lura sakemm il-persuna li tkun qiegħda tirċievi l-*income* ma tkunx iddikjarat dak l-*income* fi prospett ta' l-*income* mibgħut skond l-artikolu 10 jew għamlet għażla taħt l-artikolu 12 għas-sena ta' stima li tiġi wara dik is-sena li matulha jkun sar it-tnaqqis jew ikun ikkonforma ruħu ma' dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu ordnati safejn dawn ikunu rilevanti għall-*income* in kwistjoni:

Iżda wkoll, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma japplikawx meta xi taxxa mnaqqsa kif intqal qabel ma tkunx ġiet mibgħuta lill-Kummissarju u l-Kummissarju jkun sodisfatt li dak in-nuqqas li tintbagħat kien minħabba xi ħtija jew konnivenza tal-persuna li tirċievi l-*income*.

(4) Jekk xi persuna tonqos li tnaqqas taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) jew, wara li tnaqqas dik it-taxxa, tonqos li tħallasha lill-Kummissarju fiż-żmien preskritt jew xort'oħra tonqos milli tħares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli, hija tista' teħel dik it-taxxa addizzjonali preskritta li l-Kummissarju għandu setgħa li jimponi

taħt is-subartikolu (5) u meta jkun hekk japplika huwa għandu, b'żieda, jintalab iħallas it-taxxa li kellha tiġi mnaqqsa jew imħallsa.

(5) Meta l-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li persuna tkun naqset kontra d-disposizzjonijiet ta' xi regoli msemmija taħt dan l-artikolu huwa jista' f'kull żmien jinnotifika avviż ta' nuqqas lil dik il-persuna kif preskritt li fih juri x'inhi t-taxxa li kellha titnaqqas jew tingħata lura u/jew kull taxxa addizzjonali imposta fuqu kif imsemmi qabel, b'dan illi dik it-taxxa addizzjonali ma tkunx teċċedi s-somma ta' erba' mija u ħamsa u sittin euro (465) għal kull nuqqas; u t-taxxa addizzjonali hekk imposta għandha tinkombi fuq dik il-persuna li għaliha japplika s-subartikolu (4) u din ma tkunx tista' tittieħed lura minn dik il-persuna kollha kemm hi jew f'parti minnha mingħand il-persuna li tkun qed tirċievi l-*income*.

(6) Jekk persuna tħoss ruħha aggravata b'avviż ta' nuqqas li jiġi notifikat lilha taħt is-subartikolu (5), hija tista' tirrikorri għand il-Kummissarju bil-miktub billi tikkontesta dak l-avviż bil-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk preskritt.

(7) Meta persuna ma tkunx ikkontestat l-avviż ta' nuqqas imsemmi fis-subartikolu (5) jew meta l-kontestazzjoni tagħha tkun ġiet miċħuda, il-Kummissarju jista', meta l-ħlas tas-somma dovuta ma jkunx digà sar, jinnotifika lil dik il-persuna b'avviż ta' talba li fih juri x'kienet dik it-taxxa li kellha tiġi mnaqqsa jew imħallsa lura u/jew kull taxxa addizzjonali imposta fuqha; u sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, dak l-avviż għandu jkun prova biżżejjed li l-ammont fih indikat ikun l-ammont li jkun dovut li jitħallas lill-Kummissarju minn dik il-persuna:

Iżda persuna li tkun ġiet notifikata b'avviż ta' talba b'konsegwenza ta' ċaħda mill-Kummissarju skond dan is-subartikolu tista' tappella minn dik id-deċiżjoni f'qorti tal-ġustizzja fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż.

(8) Il-Kummissarju jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jagħti lura kollha kemm hi jew f'xi parti minnha xi taxxa addizzjonali imposta taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(9) Kull taxxa addizzjonali imposta taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhiex titqies bħala parti minn xi taxxa mħallsa jew li jkollha titħallas għall-għanijiet ta' kull artikolu ieħor ta' dan l-Att jew ta' xi artikolu ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* Kap. 123.
jew tar-regoli kollha magħmulin bis-saħħa tagħhom.

(10) Is-setgħat mogħtija lill-Kummissarju b'dan l-artikolu għandhom ikunu b'żieda għal kull dritt ieħor mogħti lilu li jibda proċedimenti dwar reat skond is-subartikolu (13).

(11) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, l-avviż ta' talba mill-Kummissarju msemmi fis-subartikolu (7), li juri l-ammont li għandu jitħallas taħt dan l-artikolu, jikkostitwixxi talba privileġġata fuq l-assi ta' min iħaddem ta' grad minnufih wara l-pagi ta' l-impjegati u talbiet tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali għal ammonti li jkollhom jitħallsu bħala kontribuzzjoni taħt l-artikolu 116 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u għandha titħallas wara dawk Kap. 318.
il-pagi u talbiet iżda bi preferenza għall-pretensjonijiet l-oħra

kollha sew privileġġati jew ipotekarji.

(12) Kull min japplika għalih dan l-artikolu għandu f'kull żmien iżomm *records* xierqa u suffiċjenti hekk kif jistgħu jiġu preskritti u għandu, meta hekk jintalab jagħmel mill-Kummissarju jew minn xi uffiċjal pubbliku minnu għaldaqshekk awtorizzat bil-miktub, jipproduċi għall-ispezzjoni fil-fond ta' dik il-persuna jew hekk kif xort'oħra ordnat, kull dokumentazzjoni dwar pagi, listi, dokumenti u *records* oħra li jkunu u li jkollhom x'jaqsmu ma' xi ħlas magħmul minnu ta' *income* li għandu jkun intaxxat skond l-artikolu 4(1)(*b*) jew (*d*) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, ma' xi *income* ieħor li jista' jiġi preskritt, ma' xi tnaqqis ta' taxxa li jkun sar minnu jew ma' l-ikkontjar ta' xi ħlas jew tnaqqis ta' taxxa bħal dawk:

Kap. 123.

Iżda dawk ir-*records* kollha għandhom jinżammu għal żmien ta' mhux inqas minn disa' snin wara li jintemmu t-transazzjonijiet, atti jew operazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu magħhom u dawn għandhom ikunu dejjem disponibbli sabiex jiġu eżaminati f'kull waqt tul dak iż-żmien.

Iż-żmien ta' preskrizzjoni msemmi qabel m'għandu f'ebda każ jibda għaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat għal kollox id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' kull regola li ssir bis-saħħa tagħhom.

(13) Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro (116) u mhux iżjed minn elf u mija u sittin euro (1,160) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew d ik il-multa u priġunerija flimkien, u multa oħra ta' mhux inqas minn erba' euro (4) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro (23) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab ħatja:

Iżda il-Kummissarju jista' jasal f'arranġamenti dwar reat taħt dan is-subartikolu u jista', qabel is-sentenza, iżomm jew jasal f'arranġamenti fuq proċedimenti taħt dan is-subartikolu:

Iżda wkoll ir-reat taħt dan l-artikolu jibqa' jeżisti sakemm min jagħmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u ħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih.

Għemil ta' prospett ta' l-*income* imdaħħal akkont ta', jew imħallas lil, persuni oħra.
*Emendat: XIII. 2004.87; I. 2008.5.*

**24.** (1) Meta xi persuna f'kull kwalità li tkun -

(*a*) tirċievi xi profitti jew *income* li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, li jappartjenu lil xi persuna oħra; jew

(*b*) tħallas lil xi persuna oħra, jew lil ħaddieħor bl-ordni tagħha, xi profitti jew *income* li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi u li jappartjenu lil dik il-persuna l-oħra,

il-Kummissarju jista' jagħti avviż lil dik il-persuna l-ewwel imsemmija fejn jordnalha li turih, fiż-żmien stabbilit f'dak l-avviż, li ma jkunx inqas minn tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, prospett li jkun fih -

(i) dikjarazzjoni vera u korretta ta' dawk il-profitti u *income* kollha; u

(ii) l-isem u l-indirizz ta' kull persuna li lilha l-profitti jew l-*income* jappartjenu jew ikunu mħallsa:

Iżda, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 10A, ebda persuna bħal dik m'għandha, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, tkun obbligata tiżvela ebda informazzjoni dwar xi persuna oħra li hija jkollha fil-kwalità tagħha ta' *trustee* ta' *trust* jew li tkun xort'oħra tinkwadra fid-dmir ta' segretezza professjonali.

(2) Avviż skond is-subartikolu (1) jista' jingħata mill-Kummissarju sabiex japplika sew b'mod ġenerali għall-persuni li għalihom dawk il-profitti jew *income* kif imsemmija f'dak is-subartikolu jappartjenu jew ikunu mħallsa sew għal xi persuna jew klassi ta' persuni partikulari kif intqal qabel.

Prospetti li għandhom jingħataw mit-*trustees*.
*Miżjud: XIII. 2004.88.*

**24A.** (1) Il-Kummissarju jista' jagħti avviż lil *trustee* ta' *trust* fejn jeħtieġu jagħtih, fiż-żmien limitat b'dak l-avviż, li ma jkunx ta' inqas minn tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, prospett li jkun fih -

(*a*) dikjarazzjoni vera u korretta, ċertifikata minn detentur ta' *warrant* imsemmi fl-artikolu 57, ta' l-*income* attribwibbli għal dik it-*trust* kif imsemmi fl-artikolu 27B ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; u Kap. 123.

(*b*) (i) l-ismijiet u l-indirizzi ta' dawk il-benefiċjarji li lilhom ikun ġie allokat *income* kif provdut fl-artikolu 27D(4) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, flimkien ma' l-ammonti relattivi hekk allokati; u Kap. 123.

(ii) l-ammont, id-data ta' l-allokazzjoni, ix-xorta u l-pajjiż ta' l-oriġini ta' l-*income* hekk allokat għal kull benefiċjarju msemmi fis-subparagrafu (i).

(2) (*a*) Prospett taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandu jitqies li hu prospett meħtieġ li jingħata taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 10.

(*b*) *Trustee* li joħroġ ċertifikat falz lill-Kummissarju jkun ħati li għamel dikjarazzjoni falza kif imfisser fil-paragrafu ta' l-artikolu 52(1)(*b*).

Prospetti li jingħataw minn *settlors*.
*Miżjud: XIII. 2004.88. Emendat: A.L. 425 tal-2007.*

**24B.** Meta -

(*a*) is-*settlor* ta' *trust* ikun persuna residenti f'Malta; u

(*b*) ebda wieħed mit-*trustees* ta' dak it-*trust* ma jkun persuna residenti f'Malta; u

(*ċ*) il-proprjetà tkun tqiegħdet f'dik *it-trust* wara dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta,

l-imsemmi *settlor* għandu jgħarraf lill-Kummissarju bil-proprjetà hekk mqiegħda fit-*trust* flimkien ma kopja, fejn applikabbli, tad-dokument tat-*trust* rilevanti jew ta' xi dokument ieħor li jipprova l-

eistenza ta' dak it-*trust*. Dan it-tagħrif għandu jingħata lill-Kummissarju mhux iktar tard minn tletin jum mid-data rilevanti tat-tqiegħid tal-proprjetà fit-*trust*. Kull *settlor* li jonqos li jħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro (116) u mhux iżjed minn elf u mija u sittin euro (1,160) u multa oħra ta' mhux inqas minn erba' euro (4) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro (23) għal kull jum li matulu jkompli r-reat wara li jgħaddu l-imsemmija tletin jum.

Poteri tal-Kummissarju li jitlob għal informazzjoni. *Miżjud: II. 2005.34. Emendat: I. 2008.6.*

**24Ċ.** Għall-fini li jiżgura li jkunu qegħdin jiġu mħarsa d-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, il-Kummissarju jista':

(*a*) jeħtieg u jitlob mingħand kull persuna li ġġiblu biex jara informazzjoni li, fil-fehma tal-Kummissarju, ikollha x'taqsam ma' l-*income* jew l-attivitajiet ekonomiċi ta' xi persuna jew klassi ta' persuni oħra;

(*b*) jispezzjona u jitlob li jinġibulu biex jara kotba, *records* jew dokumenti jew kopja jew estratt tagħhom, li, fil-fehma tal-Kummissarju, ikollhom x'jaqsmu ma' l-*income* jew l-attività ekonomika ta' xi persuna jew klassi ta' persuni:

Iżda, bla ħsara għall-artikolu 10A, l-informazzjoni mitluba taħt dan l-artikolu ma għandhiex tinkludi:

(i) informazzjoni li tinkwadra fit-tifsira "sigriet professjonali" jew "sigriet" skond l-artikolu 2 ta' l-Att dwar Segretezza Professjonali; jew (Kap. 377.)

(ii) informazzjoni li tinkwadra fit-tifsira "*data* personali sensittivi" skond l-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*: (Kap. 440.)

Iżda wkoll, bla ħsara għall-artikolu 10A, meta xi informazzjoni bħal dik tkun protetta bis-sigriet professjonali jew bid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data,* u din il-protezzjoni tkun għall-benefiċċju ta' xi persuna, din l-informazzjoni għar-rigward ta' xi persuna oħra għandha tingħata iżda jinqata' barra minnha isem il-persuna li fl-interess tagħha tkun qiegħda tingħata dik il-protezzjoni. (Kap. 440.)

Il-kerrejja jagħtu prospett tal-kera li jħallsu.

**25.** Il-Kummissarju jista' jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li tkun tokkupa xi dar, art jew bini industrjali fejn jordnalha li tagħti, fi żmien xieraq, prospett li jkun fih:

(*a*) l-isem u l-indirizz tas-sid ta' dik id-dar, art jew bini industrjali; u

(*b*) dikjarazzjoni vera u korretta tal-kera li għandu jitħallas u kull kumpens ieħor li jingħata b'hekk.

Lista ta' l-inkwilini u residenti.

**26.** Il-Kummissarju jista' jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna fejn jordnalha, fiż-żmien stabbilit f'dak l-avviż, li ma jkunx iqsar minn tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, li tagħti prospett li jkun fih l-isem ta' kull min, fid-data ta' l-avviż, ikun residenti fid-dar, lukanda jew istitut tagħha, u kien hekk residenti, ħlief għal xi assenzi temporanji, matul it-tliet xhur ta' qabel.

**27.** (1) Meta l-Kummissarju jkun sodisfatt illi sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni jkunu qed jitmexxew minn żewġ persuni jew iżjed flimkien, l-*income* ta' xi soċju mis-soċjetà, xort'oħra milli f'soċjetà *in akkomandita* li l-kapital tagħha jkun maqsum f'azzjonijiet jew f'soċjetà anonima, għandu jitqies illi huwa s-sehem li għalih huwa kellu jedd matul is-sena qabel is-sena ta' stima fl-*income* tas-soċjetà, liema *income* jiġi aċċertat skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi u għandu jidħol fil-prospett ta' l-*income* li għandu jsir minn dak is-soċju taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi. Ċerti soċjetajiet.

(2) Is-soċju ewlieni, jiġifieri s-soċju illi fost is-soċji residenti f'Malta -

(i) ikun l-ewwel wieħed imsemmi fil-kuntratt tas-soċjetà, jew

(ii) ikun is-soċju attiv ewlieni jekk is-soċju imsemmi bi preċedenza ma jkunx soċju attiv,

għandu, meta meħtieġ mill-Kummissarju, jagħmel u jikkunsinna prospett ta' l-*income* tas-soċjetà għal xi sena, billi dak l-*income* jiġi aċċertat skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, u jiddikjara fih l-ismijiet u l-indirizzi tas-soċji l-oħra fid-ditta flimkien ma' l-ammont tas-sehem ta' l-imsemmi *income* li għalih kull soċju kellu l-jedd għal dik is-sena; u -

(*a*) meta ebda soċju ma jkun residenti f'Malta, il-prospett għandu jsir u jkun ikkunsinnat mill-mandatarju, aġent, *manager* jew deputat tad-ditta residenti f'Malta; u

(*b*) id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi dwar in-nuqqas tal-kunsinna tal-prospetti jew informazzjonijiet skond avviż mingħand il-Kummissarju jkunu jgħoddu għal kull prospett meħtieġ taħt dan l-artikolu.

(3) Meta l-Kummissarju ma jkunx sodisfatt illi sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni hija mmexxija minn żewġ persuni jew iżjed flimkien, il-qligħ jew profitti minn dik is-sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni għandhom jitqiesu li nġabru minn dik il-persuna intitolata għal sehem mill-qligħ jew profitti kif il-Kummissarju jidhirlu u l-istima tat-taxxa għandha ssir skond hekk.

(4) Meta stima tat-taxxa tkun saret skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), is-soċjetà ma għandhiex titqies li hija korp ta' persuni għall-finijiet ta' l-artikolu 60 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*. Kap. 123.

(5) Ebda ħaġa li tinsab f'dan l-artikolu ma żżomm illi deċiżjoni tal-Kummissarju fl-eżerċizzju ta' xi diskrezzjoni mogħtija lilu tiġi appellata skond l-artikoli 35 u 37.

**28.** (1) Kull avviż li għandu jingħata mill-Kummissarju taħt l-Atti dwar it-Taxxi għandu jkun iffirmat mill-Kummissarju jew minn xi persuna jew persuni minn żmien għal ieħor maħtura għal dak l-iskop, u u kull avviż bħal dak, inkluża riċevuta li jkun sar il-ħlas tat-taxxa, jkun validu jekk il-firma tal-Kummissarju jew ta' dik il-persuna jew persuni tkun debitament stampata, ittimbrata jew miktuba fuqu: Firma ta' avviżi. *Emendat: II. 2003.45.*

Iżda kull avviż bil-miktub taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi lil xi persuna li fih din tiġi ordnata li tagħti informazzjonijiet lill-Kummissarju, jew kull avviż ieħor taħt l-Atti dwar it-Taxxi li jeħtieġ il-preżenza ta' xi persuna jew xhud quddiem il-Kummissarju, għandu jkun iffirmat persunalment mill-Kummissarju jew minn xi persuna debitament awtorizzata minnu.

(2) Firma mqiegħda fuq avviż u li tidher li hi l-firma ta' xi persuna hekk maħtura għandha tittieħed li hi l-firma ta' dik il-persuna kemm-il darba ma jintweriex il-kuntrarju.

Notifika ta' avviżi. *Emendat: I. 2010.46.*

**29.** (1) Avviż jista' jkun notifikat lil persuna sew personalment jew billi jintbagħat bil-posta fl-indirizz tagħha l-aħħar magħruf tan-negozju jew privat, u għandu, fl-aħħar każ, ħlief jekk jiġi ppruvat il-kuntrarju, jitqies li kien ġie notifikat, fil-każ ta' persuni residenti f'Malta, mhux aktar tard mit-tielet jum wara l-jum ta' l-impustar, u fil-każ ta' persuni mhux hekk residenti, il-jum ta' wara l-jum li fih l-avviż kien ikun missu s-soltu wasal bil-posta, u fil-prova ta' dik in-notifika jkun biżżejjed li wieħed jipprova illi l-ittra li kien fiha l-avviż kienet ġiet indirizzata u mpustata kif jixraq:

Iżda meta dik in-notifika ma sseħħx minħabba li t-*taxpayer* ma jkunx jista' jinsab jew minħabba raġunijiet oħra attribwibbli lilu u l-Kummissaju jippubblika avviż fil-Gazzetta u f'xi ġurnal wieħed jew iktar ta' kuljum fejn jiddikjara li dak l-avviż ikun sar u li fih jistieden lit-*taxpayer* biex imur jiġbru mid-Dipartiment, dik in-notifika għandha wkoll tiqies li tkun ġiet debitament notifikata.

Posta bla ħlas.

(2) Kollha kemm huma l-prospetti, informazzjoni addizzjonali u korrispondenza riżultanti u ħlas tat-taxxa taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jistgħu jintbagħtu b'xejn bil-posta lill-Kummissarju f'inviloppi mmarkati *Income Tax*.

Żmien u data għat-twassil ta' prospetti eċċ., u għall-ħlas. *Miżjud: IX. 1999.6.*

**29A.** (1) Kull żmien jew data stipulati fl-Atti dwar it-Taxxi għall-konsenja jew notifika ta' xi prospett, avviż jew dokument ieħor lill-Kummissarju jew għal xi ħlas lill-Kummissarju għandu jitqies bħala li jiskadi f'nofsinhar ta' l-aħħar jum ta' dak iż-żmien jew ta' dik id-data jew f'dak iż-żmien li jiġi iktar tard hekk kif jista' jiġi preskritt.

(2) Meta d-data li fiha xi prospett, avviż jew dokument ieħor għandu jiġi konsenjat, imwassal jew notifikat jew meqjus bħala li jiġi notifikat jew li fiha għandu jsir xi ħlas skond xi disposizzjoni ta' dan l-Att taħbat, li kieku ma kienx għad-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, f'xi Sibt jew f'xi btala pubblika kif stabbilit fl-Att dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, dik id-data għandha titqies li taħbat fl-ewwel jum tax-xogħol, li ma jkunx is-Sibt, li jiġi wara s-Sibt jew il-btala pubblika msemmija.

Kap. 252.

TAQSIMA V

**Stima ta' Taxxa**

*Stimi relattivi għal snin ta' stima li jiġu qabel l-1999.*
*Sostitwit: IX. 1999.7. Emendat: II. 2004.50.*

**30.** (1) Meta persuna tkun bagħtet prospett ta' l- *income* għal xi sena ta' stima li tiġi qabel is-sena ta' stima 1999 il-Kummissarju jista' -

(*a*) jaċċetta l-prospett u jagħmel l-istima;

(*b*) wara li jikkonsidra kull prospett, ktieb jew prova oħra li tinġieb quddiemu jew li jinkisbu minnu, jirrifjuta li jaċċetta l-prospett u mill-ahjar li jista' jiddetermina b'ordni bil-miktub l-ammont ta' l-*income* taxxabbli tal-persuna u jintaxxaha.

(2) Meta persuna ma tkunx bagħtet prospett ta' l-*income* għal xi sena ta' stima li tiġi qabel is-sena ta' stima 1999 u l-Kummissarju jkun tal-fehma li dik il-persuna hija suġġetta li tħallas taxxa, huwa jista', skond l-aħjar dehen tiegħu, jiddetermina l-ammont ta' l-*income* taxxabbli ta' dik il-persuna u jintaxxaha, imma dak l-intaxxar m'għandux jolqot xi responsabbiltà li dik il-persuna jkollha minħabba n-nuqqas jew it-traskuraġni tagħha li tibgħat prospett.

(3) Meta l-Kummissarju jkun tal-fehma li persuna ma tkunx saritilha stima jew li tkun saritilha stima b'ammont inqas minn dak li kien imissha ġiet intaxxata għal xi sena ta' stima li tiġi qabel is-sena ta' stima 1999, il-Kummissarju jista' jagħmel stima ta' dik il-persuna b'dak l-ammont jew b'ammont addizzjonali, skond il-ġudizzju tiegħu, kien imissha ġiet intaxxata u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(*b*) għandhom ikunu japplikaw għal stima bħal dik.

(4) L-istima, għal xi sena ta' stima, li ssir b'mod konformi ma', u skond xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għandha ssir matul dik l-istess sena ta' stima jew matul it-tmien snin li jigu wara l-iskadenza tagħha:

Iżda f'każijiet fejn ma jkunx għad hemm deċiżjoni finali jew sentenza finali, l-avviż ta' stima li jingħata lil persuna wara li jiskadu l-perjodi speċifikati f'dan is-subartikolu ma għandux jikkostitwixxi u ma għandu jitqies bħala li qatt ma kien jikkostitwixxi raġuni biex dik l-istima jew avviż dwarha jiġu ddikjarati b'kull mod preskritti jew xort'oħra soppressi, jekk dik l-istima tintbagħat sa mhux iżjed tard mill-31 ta' Diċembru, 2007:

Iżda wkoll meta dak l-avviż ma jingħatax sal-31 ta' Diċembru, 2007 għaliex il-persuna ma tkunx tista' tinsab jew għal raġunijiet attribwibbli għaliha, dik l-istima għandha titqies li tkun ġiet avżata kif imiss jekk, mhux iżjed tard mill-31 ta' Diċembru, 2008 il-Kummissarju jippubblika avviż fil-Gazzetta u f'xi ġurnal wieħed jew iktar ta' kuljum fejn jiddikjara li dik l-istima tkun saret u jistieden lill-persuna biex tmur tiġborha mid-Dipartiment.

(5) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), meta persuna ma tkunx bagħtet lill-Kummissarju l-prospetti meħtieġa bl-Atti dwar it-Taxxi għal xi sena ta' stima li tiġi qabel is-senata' stima 1999 jew ma ddikjaratx b'mod komplet u veritier kull fatt

materjali meħtieġ għall-istima tagħha għal xi sena u b'hekk tevita t-taxxa, il-Kummissarju, meta jidhirlu li dak li sar jkun dovut għal frodi jew evażjoni, jista' f'kull żmien jagħmel stima ta' dik il-persuna b'dak l-ammont jew ammont addizzjonali hekk kif skond l-aħjar ġudizzju tiegħu dik il-persuna kellha tiġi intaxxata u għandu jieħu passi biex isir il-ħlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali jew penali.

(6) Meta fil-fehma tal-Kummissarju kien hemm frodi jew evażjoni kif imsemmi, dik id-deċizjoni tkun suġġetta għal appell skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 35 u 37.

Stimi u determinazzjonijiet relattivi għas-sena ta' stima 1999 u għal snin sussegwenti.
*Sostitwit: IX. 1999.7.*
*Emendat: II. 2003.46; I. 2010.47; A.L. 336 tal-2010.*

**31.** (1) Meta persuna tkun bagħtet prospett ta' l-*income* skond l-artikolu 10 li jinkludi stima personali għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena ta' stima sussegwenti, il-Kummissarju għandu jiddetermina l-*income* taxxabbli, it-taxxa li għandha titħallas fuqu u t-taxxa li għandha titħallas, jew li għandha titħallas lura lil dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima f'dawk l-ammonti indikati minn dik il-persuna fl-istima personali, billi jsiru dawk il-korrezzjonijiet aritmetiċi li jkunu meħtieġa fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li jkun hemm f'dak il-prospett.

(2) Meta persuna tkun għamlet għażla skond l-artikolu 12 għal xi sena ta' stima, il-Kummissarju għandu, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li jkollu f'idejh, jiddetermina l-*income* taxxabbli, it-taxxa dovuta u dak li dik il-persuna għandha tħallas jew tieħu lura.

(3) Meta persuna ma tkunx bagħtet prospett ta' l*income* għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena sussegwenti u ma tkunx għamlet għażla taħt l-artikolu 12 jew, għalkemm tkun għamlet għażla bħal dik hija, wara li jkun ingħatalha avviż mill-Kummissarju sabiex tagħmel prospett kif provdut fl-artikolu 13, tonqos milli tipprezenta il-prospett, u l-Kummissarju jkun tal-fehma li dik il-persuna tkun suġġetta għall-ħlas tat-taxxa, huwa jista' jiddetermina l-ammont tat-taxxa li għandha titħallas minn dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima fuq il-bazi ta' kalkolu li jsir b'dak il-mod u b'dak il-metodu kif il-Kummissarju jqis li jkun xieraq mingħajr preġudizzju għal xi responsabbiltà xort'oħra mġarrba minn dik il-persuna minħabba fin-nuqqas jew it-traskuraġni tiegħu li jibgħat prospett.

(3A) Meta tkun saret stima fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (3) u l-prospett ikun għadu ma ġiex ikkunsinnat, il-Kummissarju jista' jagħmel stima taħt id-diposizzjonijiet tas-subartikolu (5) fuq il-persuna involuta, mingħajr il-ħtieġa li jkun qabel avża lil dik il-persuna li tkun qed issir inkjesta dwar id-dikajarazzjonijiet ta' taxxa li jagħmel u kull passiv li jkollu.

(4) Il-Kummissarju jista' jagħmel kull stħarriġ u verifika li jidhrulu xierqa għar-rigward ta' kull taxxa li titħallas, jew li titħallas lura lil xi persuna u jista' jagħmel dawk l-aġġustamenti għal xi stimi jew kontijiet oħra li jkunu saru skond id-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu kif jista' jiġi miftiehem bil-miktub ma' dik il-persuna jew kif jista' jkun meħtieġ skond l-artikolu 13(6).

(5) Meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li t-taxxa li għandha titħallas minn persuna għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena ta'

stima sussegwenti tkun ġiet determinata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi ntaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospetti, kotba jew provi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jinġiebu quddiemu jew jinkisbu minnu, skond l-aħjar ġudizzju tiegħu jagħmel stima ta' l-*income* taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li għandha titħallas fuqu u t-taxxa li għandha titħallas, jew li għandha titħallas lura lil dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima, u meta l-Kummissarju wara li jkun għamel stima jkun tal-fehma li xi taxxa tkun ġiet stmata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi intaxxat, huwa jista', bl-istess mod, jagħmel stima jew stimi addizzjonali:

Iżda jekk ikun hemm prova li, wara li tiġi mitluba mill-Kummissarju, permezz ta' avviż bil-miktub, dik il-persuna mingħajr raġuni tajba tonqos milli tippreżenta xi *records*, dokumenti, kontijiet jew *data* elettronika fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' dik l-ordni u tkun ħarġet ordni bil-miktub mill-Kummissarju kif imsemmi fl-artikolu 33(5), dik il-persuna ma għaandhiex titħalla tippreżenta dawk ir-*records*, dokumenti, kontijiet jew *data* elettronika quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja.

(6) Stima jew stimi addizzjonali għal xi sena ta' stima taħt is-subartikolu (5) għandha ssir jew għandhom isiru mhux iktar kmieni miż-żmien preskritt taħt l-artikolu 10(1) sabiex jintbagħat il-prospett ta' l-*income* għal dik is-sena u mhux iktar tard minn ħames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbagħat prospett ta' l-*income* jew prospett ulterjuri għal dik is-sena jew li fiha tkun saret għażla taħt l-artikolu 12 għal dik is-sena.

(7) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) meta persuna:

(*a*) tkun bagħtet prospett jew prospetti lill-Kummissarju u fihom ma tkunx żvelat il-fatti materjali kollha rilevanti għalbiex jiġi determinat l-*income* u t-tnaqqis permess; jew

(*b*) bil-għan li tiġi evitata t-taxxa jew bi traskuraġni kbira jew konsapevoli tkun bagħtet lill-Kummissarju prospett li ma jkunx korrett u qarrieqi f'xi aspett materjali, stima jew stima addizzjonali taħt is-subartikolu (5) tista' ssir f'kull waqt wara ż-żmien stipulat skond ma hemm f'dan l-Att għar-rigward tal-konsenja tal-prospett ta' l-*income* għal dik is-sena.

(8) Jista' jsir appell minn deċiżjoni dwar jekk ikunx hemm xi waħda miċ-ċirkostanzi li wasslu għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7). L-appell isir skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 35 u 37.

(9) Determinazzjoni li ssir skond is-subartikoli (1), (2) u (3) m'għandhiex tittieħed bħala stima għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

Stima u ħlas ta' taxxa f'munita barranija. *Miżjud: IX. 1999.7.*

**31A.** It-taxxa li għandha titħallas fuq l-*income* ta' kumpannija għandha tiġi dikjarata, determinata, stmata u mħallsa bil-munita (jew meta jkun il-każ, b'muniti *pro rata*) li biha jkun denominat il-kapital azzjonarju tal-kumpannija u kull rifuzjoni u ħlas lura

magħmul skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi għar-rigward ta’ din it-taxxa għandha ssir bl-istess munita (jew, fejn ikun il-każ, b’muniti *pro rata*) li biha jew bihom tkun tħallset it-taxxa.

Tħassir ta’ stimi. *Emendat: XXIII. 1995.2; I. 1999.2; II. 2002.80.*

**32.** (1) Il-Kummissarju jista’ għall-finijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi iħassar kull stima magħmula minnu, u dak it-tħassir ikun bla ħsara għall-egħmil ta’ kull stima li skond dan l-Att għandha ssir minflok l-istima hekk imħassra li titqies li ma tkunx saret.

(2) Ebda ħaġa li tinsab f’dan l-artikolu ma tagħti s-setgħa lill-Kummissarju li jħassar jew jagħmel xi stima għal xi sena meta dak it-tħassir jew l-egħmil ta’ xi stima jġib miegħu il-ftuħ ta’ xi kwistjoni li tkun ġiet deċiża b’appell għal dik is-sena.

(3) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta’ l-Atti dwar it-Taxxi fejn aktar minn tmien snin ikunu għaddew minn għeluq is-sena ta’ stima li għaliha tkun tapplika stima magħmula mill-Kummissarju qabel l-1 ta’ Jannar, 1992 u dik l-istima tkun għadha mhux finali u konklussiva skond l-artikolu 38, u l-Kummissarju jkun jidhirlu li dik l-istima tkun invalida jew bla effett minħabba xi żball, difett jew ommissjoni mill-Kummissarju fl-għemil ta’ dik l-istima jew fl-avviż t’hekk, il-Kummissarju jista’ fi żmien għaxar snin mill-1 ta’ Jannar 1992 jew fi żmien sentejn mid-data li t-*taxpayer* japplika bil-miktub lill-Kummissarju fejn jindika bħala raġuni oħra għal oġġezzjoni dak l-iżball, difett jew ommissjoni, jagħmel stima ġdida, skond l-artikolu 30 għas-sena ta’ stima in kwestjoni u d-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi dwar l-avviż ta’ stima, appelli u proċeduri oħra ta’ l-Atti dwar it-Taxxi għandhom japplikaw għal dik l-istima u għat-taxxa stabbilita bis-saħħa tagħha:

Iżda:

(i) id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu għandhom bl-istess mod japplikaw għal dawk l-istimi li ġew magħmula mill-Kummissarju fl-1 ta’ Jannar 1992 jew xi data sussegwenti, ħlief għal stimi magħmula skond l-artikolu 31 ta’ l-Att; u

(ii) meta ma tkunx saret stima ġdida skond l-artikolu 30, u li għaliha jkun japplika dan is-subartikolu jew il-paragrafu (i) ta' dan il-proviso, mill-Kummissarju fil-perjodu msemmi f’dan is-subartikolu, il-Kummissarju jista’ f’kull żmien jagħmel stima ġdida fuq it-*taxpayer* fuq l-*income* taxxabbli kollu jew parti minnu tat-*taxpayer* kif dikjarat minnu għas-sena ta’ stima in kwistjoni li fuqu ma tkunx għadha ġiet magħmula stima valida; u minbarra d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 30(4), id-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi dwar avviż ta’ stima, appelli u proċeduri oħra taħt l-Atti dwar it-Taxxi għandhom japplikaw għal dik l-istima u għal kull taxxa dovuta skond dik l-istima.

**33.** (1) Il-Kummissarju jordna li jkun notifikat persunalment jew mibgħut bil-posta reġistrata, lil kull persuna li ssirilha stima ta' taxxa, avviż indirizzat lilha fil-post soltu tagħha ta' residenza jew negozju, fejn jissemma l-ammont ta' l-*income* tagħha taxxabbli u l-ammont tat-taxxa li hija għandha tħallas u fejn tiġi mgħarrfa bil-jeddijiet tagħha taħt is-subartikolu (2).

Setgħa tal-Kummissarju li jirrevedi stimi fil-każ ta' oġġezzjoni. *Emendat: XXIII. 1995.3; XX. 1996.21.*

(2) Jekk xi persuna tikkontesta l-istima hija tista' titlob lill-Kummissarju, b'avviż ta' oġġezzjoni bil-miktub, sabiex jerġa' jeżamina u jirrivedi l-istima magħmula dwarha. Din it-talba għandha ssemmi preċiżament ir-raġunijiet ta' l-oġġezzjoni tagħha għall-istima u għandha ssir fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-istima:

Iżda l-Kummissarju, meta jkun sodisfatt illi, minħabba assenza minn Malta, mard jew xi raġuni oħra xierqa, il-persuna li tikkontesta l-istima kienet impeduta milli tagħmel it-talba f'dak iż-żmien, għandu jestendi l-perijodu kif ikun xieraq fiċ-ċirkostanzi:

Iżda wkoll ebda avviż ta' oġġezzjoni ma jista' jsir għar-rigward ta' xi stima kemm-il darba:

(*a*) il-prospett għas-sena ta' stima rispettiva ma jkunx intbagħat skond ma hemm fl-artikoli 10 u 11 qabel jingħata l-avviż lill-Kummissarju;

(*b*) it-taxxa li ma tkunx qed tiġi kontestata għal dik is-sena ta' stima ma tkunx tħallset kollha kemm hi qabel iż-żmien stabbilit fl-artikolu 42(1) meta l-*income* prinċipali tal-persuna għas-sena li tiġi minnufih qabel dik is-sena ta' stima jinkiseb minn għejjun li ma jkunux dawk li jaqgħu taħt l-artikolu 4(1)(*b*) u (*d*) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* li jkunu suġġetti għal tnaqqis ta' taxxa skond ir-regoli tal-PAYE: Kap. 123.

Iżda wkoll meta persuna tkun diġà għamlet avviż bis-saħħa ta' dan l-artikolu għar-rigward ta' xi stima w dik l-istima tkun għadha mhijiex waħda finali w konklusiva skond l-artikolu 38 ta' l-Att, hija għandha tħares il-*proviso* ta' qabel dan ta' dan is-subartikolu sat-28 ta' Ġunju, 1996, inkella l-avviż mogħti jiġi rrifjutat u l-istima li dwarha ssir l-oġġezzjoni ssir finali w konklusiva f'dik id-data.

(3) Meta jasallu l-avviż ta' oġġezzjoni msemmi fis-subartikolu (2), il-Kummissarju jista' jitlob lill-persuna li tibgħat l-avviż ta' oġġezzjoni sabiex tagħti dawk id-dettalji jew informazzjonijiet illi l-Kummissarju jidhirlu meħtieġa dwar l-*income* tal-persuna intaxxata u sabiex iġġib il-kotba kollha jew dokumenti oħra fil-kustodja tagħha jew taħt il-kontroll tagħha dwar dak l-*income*, u jista' jsejjaħ kull persuna illi, huwa jidhirlu, hija kapaċi li tagħti provi dwar l-istima sabiex tidher quddiemu u ġġib il-kotba kollha jew dokumenti oħra fil-kustodja tagħha jew taħt il-kontroll tagħha u jista' jeżamina lil dik il-persuna bil-ġurament jew xort'oħra:

Iżda l-iskrivan, l-aġent, l-impjegat jew persuna oħra impjegata f'kariga konfidenzjali fl-affarijiet tal-persuna li tkun ser tiġi intaxxata u l-ġenituri, il-mara jew ir-raġel jew l-ulied ta' din il-persuna ma għandhomx ikunu eżaminati ħlief fuq it-talba tal-

persuna li dwarha tkun saret l-istima:

Iżda wkoll ħlief fuq it-talba tal-persuna li ssirilha stima, ebda persuna ma tkun eżaminata dwar xi tagħrif li jolqot lill-persuna li ssirilha stima meta dwar dak it-tagħrif il-persuna msemmija tkun marbuta bis-sigriet professjonali.

(4) Fil-każ ta' persuna li dwarha tkun saret stima, illi tkun oġġezzjonat għall-istima magħmula dwarha, tasal fi ftehim mal-Kummissarju dwar l-ammont li bih hija suġġetta li tkun intaxxata, l-istima għandha tiġi emendata skond hekk, u avviż tat-taxxa li għandha titħallas għandu jkun notifikat lil dik il-persuna.

(5) Jekk ma jkunx hemm ftehim, il-Kummissarju għandu jiffissa t-taxxa b'ordni bil-miktub:

Iżda dejjem, fil-każ ta' persuna illi, taħt is-subartikolu (2), tkun talbet lill-Kummissarju għal reviżjoni ta' l-istima magħmula dwarha, ma tiftiehemx mal-Kummissarju dwar l-ammont li bih hija suġġetta li tkun intaxxata, il-jedd tagħha għall-appell taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kontra l-istima magħmula dwarha, jibqa' bla mittiefes.

TAQSIMA VI

## Appelli

Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. *Sostitwit: A.L. 336 tal-2010. Emendat: A.L. 390 tal-2010.* Kap. 490.

**34.** (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "it-Tribunal", għandu jkun kompetenti biex jisma' u jaqta' appelli skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 35.

(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jaqdi dawk id-dmirijiet tiegħu hekk assenjati lilu skont dan l-Att.

Kap. 490.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, safejn japplikaw għat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, għandhom japplikaw għal kull proċedura qabel l-imsemmi Tribunal u l-kliem "amministrazzjoni pubblika" fl-imsemmija liġi għandhom jinftiehmu bħala referenza għall-Kummissarju.

(4) It-Tribunal ikollu s-setgħa li jsejjaħ kull persuna sabiex tixhed jew iġġib kotba jew dokumenti oħra quddiemu:

Iżda -

(i) l-iskrivan, l-aġent, l-impjegat jew persuna oħra impjegata f'kariga konfidenzjali fl-affarijiet tal-appellant u tal-ġenituri, żewġ jew mart jew ulied dak l-appellant m'għandhomx jissejħu biex jixhdu jew biex jiġu eżaminati ħlief fuq it-talba tal-appellant;

(ii) kull persuna, barra mill-Kummissarju, li jkollha jew li kellha xi dmir uffiċjali, jew li tkun jew kienet taħdem, fl-amministrazzjoni tal-Atti dwar it-Taxxi, m'għandhiex tissejjaħ biex tixhed jew biex tiġi eżaminata dwar xi ħaġa uffiċjali li jkollha x'taqsam mal-likwidazzjoni li tkun qed tiġi appellata ħlief fuq

it-talba tal-Kummissarju;

(iii) ħlief fuq it-talba tal-appellant, ebda persuna ma tkun eżaminata dwar xi tagħrif li jolqot lill-appellant meta dwar dak it-tagħrif l-imsemmija persuna tkun marbuta bis-sigriet professjonali.

(5) Il-membri tat-Tribunal ma jkunux personalment responsabbli għal kull għemil jew nuqqas tat-Tribunal magħmul jew li naqas li jsir *in bona fede* fil-kors tax-xogħol tat-Tribunal.

(6) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 25 tal-Att dwar Ġustizzja Amministrattiva għandhom japplikaw għal kull proċedura pendenti qabel il-Bord tal-Kummissarji Speċjali u kull proċediment għandu jiġi assenjat lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 25 imsemmi qabel b'effett mill-1 ta' Ġunju, 2010: Kap. 490.

Iżda kull proċediment li hemm pendenti quddiem il-Bord tal-Kummissarji Speċjali u li kien diġà mibdi qabel l-1 ta' Ġunju, 2010, għandu jibqa' pendenti quddiem dak il-Bord ta' Kummissarji Speċjali għad deċiżjoni, u d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandhomx jgħoddu għal dak il-proċediment.

(7) Avviż tad-deċiżjoni tal-appell u r-raġunijiet għaliha għandu jingħata bil-miktub lill-appellant li ukoll għandu jiġi avżat bid-drittijiet tiegħu għal appell ulterjuri skont l-Att dwar Ġustizzja Amministrattiva. Kap. 490.

Appell.
*Emendat:*
*IV. 2007.27;*
*A.L. 336 tal-2010.*

**35.** (1) Kull persuna illi, aggravata bi stima magħmula dwarha, ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju kif maħsub fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 33 tista' tagħmel, fi żmien tletin ġurnata wara d-data tan-notifika lilha ta' avviż tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-istima kif mixtieq, appell kontra dik l-istima lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

(2) Kull persuna li tappella għandha tidher quddiem it-Tribunal jew persunalment jew permezz ta' aġent fil-jum u l-ħin iffissati għas-smigħ ta' l-appell:

Iżda, dejjem jekk jigi ippruvat, b'sodisfazzjon tat-Tribunal, illi minħabba assenza minn Malta, mard jew raġuni oħra tajba, xi persuna ma tistax tattendi għas-smigħ ta' l-appell tagħha fil-jum u fil-ħin iffissati għall-iskop, it-Tribunal jista' jipposponi s-smigħ ta' l-appell għal dak iż-żmien xieraq li jidhirlu meħtieġ għall-attendenza ta' l-appellant.

(3) Il-piż tal-prova illi l-istima li dwarha jsir l-ilment hija eċċessiva jkun ta' l-appellant.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), it-Tribunal jikkonferma, inaqqas, iżid jew jannulla l-istima jew jagħmel dak l-ordni dwarha illi jidhirlu xieraq. Avviż tad-deċiżjoni tat-Tribunal, tad-data tad-deċiżjoni u ta' kull emenda fl-istima għandu jintbagħat lill-Kummissarju illi jordna li kopja ta' dak l-avviż tiġi notifikata jew persunalment jew bil-posta reġistrata lill-persuna li tappella flimkien ma' avviż li jinforma lil dik il-persuna bil-jeddijiet tagħha taħt l-artikolu 37.

(5) Ebda appell ma jista' jsir mid-deċiżjoni tat-Tribunal ħlief

fuq punt ta' liġi biss.

(6) Appell lit-Tribunal magħmul minn persuna suġġetta għat-taxxa jew f'isimha ma jistax jiġi rtirat jew ċedut ħlief bil-kunsens tal-Kummissarju.

(7) It-Tribunal jista' jordna l-korrezzjoni ta' kull żball aritmetiku li jagħmel f'xi deċiżjonijiet tiegħu fuq rikors notifikat lill-parti l-oħra u preżentat, fil-każ tal-Kummissarju, fi żmien għaxart ijiem mid-data tad-deċiżjoni u, fil-każ tal-persuna suġġetta għat-taxxa, fi żmien għaxart ijiem wara n-notifika lilha ta' dik id-deċiżjoni.

Ċerti disposizzjonijiet għandhom jiġu mħarsa fis-smigħ ta' appelli.
*Emendat:*
*IV. 2007.28;*
*I. 2010.48;*
*A.L. 336 tal-2010.*

**36.** Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandu jkollhom effett għall-finijiet ta' kull appell magħmul taħt l-artikolu 35:

(*a*) it-Tribunal għandu sommarjament jiċħad kull appell quddiemu għal xi sena ta' stima u jikkonferma l-istima li dwarha jsir l-ilment kemm-il darba ma tinġiebx quddiemu prova *prima facie* li, sad-data li fiha jkun sar l-appell, l-appellant ikun ippreżenta taħt l-artikoli 10 u 11 prospett ta' l-*income* taxxabbli tiegħu għall-imsemmija sena ta' stima;

(*b*) minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34(7), meta l-istima li dwarha jsir l-ilment tkun saret mill-Kummissarju skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30(1)(*b*) jew (2) jew (3), jew tal-artikolu 31(5), ebda prova ma għandha titqies mit-Tribunal bħala li tkun suffiċjenti sabiex tippermetti xi tibdil fl-istima dwar dak l-*income* kemm-il darba l-persuna li tappella kontra d-deċiżjoni tal-Kummissarju ma tippreżentax mingħajr xi skuża raġonevoli r-*records*, dokumenti, kontijiet jew *data* elettronika skont il-proviso għall-artikolu 31(5);

(*ċ*) il-Kummissarju jista' f'kull żmien matul is-smigħ ta' l-appell jitlob dikjarazzjoni mit-Tribunal dwar jekk l-appell għandux jiġi miċħud u l-istima li dwarha jsir l-ilment tiġi konfermata skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (*a*) jew (*b*).

Appelli lill-Qorti ta' l-Appell.
*Emendat:*
*VI. 2001.25;*
*IV. 2007.29;*
*A.L. 425 tal-2007;*
*A.L. 336 tal-2010.*

**37.** (1) Kull persuna li, wara li tkun appellat lit-Tribunal tħossha aggravata bid-deċiżjoni tiegħu, tista' tappella mid-deċiżjoni, permezz ta' rikors ippreżentat fi żmien tletin jum mid-data li fiha tiġi notifikata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, fuq punt ta' liġi biss -

(i) meta l-ammont totali ta' taxxa, taxxa addizzjonali, multi u mgħax kontestati fil-perjodu meta sar l-appell quddiem it-Tribunal ikun inqas minn miljun u mija u ħamsa u sittin elf euro (€1,165,000), lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri); u

(ii) meta l-ammont totali ta' taxxa, taxxa addizzjonali, multi u mgħax kontestati fil-perjodu meta sar l-appell quddiem it-Tribunal ikun miljun u mija u ħamsa u sittin elf euro (€1,165,000) jew aktar, lill-Qorti ta' l-

Appell.

(2) Il-Kummissarju jista’ jekk huwa ma jkunx sodisfatt bid-deċiżjoni tat-Tribunal, jappella kontra d-deċiżjoni, fuq punt ta’ liġi biss, lill-qorti li tkun kompetenti li tisma’ l-appell skond is-subartikolu (1)(i) u (ii) permezz ta’ rikors ippreżentat fi żmien tletin jum mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal.

(3) Kemm-il darba regoli magħmulin taħt dan l-Att ma jaħsbux għal perijodu itwal, għandu jingħata lill-partijiet avviż ta’ sebat ijiem sħaħ tad-data iffissata għas-smigħ ta’ l-appell.

(4) Il-qorti tista’ tikkonferma, tnaqqas, iżżid jew tannulla l-istima jew toħroġ fuq dik l-istima l-ordnijiet li jidhrilha xierqa.

(5) Avviż ta’ l-ammont tat-taxxa li għandha titħallas taħt l-istima kif deċiż mill-qorti, għandu jkun notifikat mill-Kummissarju, jew persunalment, jew bil-posta reġistrata, lill-parti l-oħra.

(6) Il-Kummissarju għandu jippubblika fi żmien raġonevoli d-deċiżjonijiet kollha mogħtija mill-qorti fejn jingħataw il-fatti ta’ l-appell u l-argumenti.

(7) L-ispejjeż ta’ l-appell ikunu fid-diskrezzjoni tal-Qorti ta’ l-Appell jew tal-Qorti ta’ l-Appell (Kompetenza Inferjuri), skond il-każ, u jkunu somma iffissata mir-reġistratur.

(8) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista’ b’regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qrati f’dak li għandu x’jaqsam mal-preżentata ta’ atti bil-miktub f’konnessjoni ma’ appelli lill-Qorti ta’ l-Appell jew lill-Qorti ta’ l-Appell (Kompetenza Inferjuri), skond il-każ, taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

L-istimi jew stimi emendati jkunu finali.
*Emendat: I. 2010.49.*
Kap. 123.

**38.** Meta ebda oġġezzjoni valida jew appell ma jkunu ġew imressqin fiż-żmien stabbilit f’din it-Taqsima kontra stima jew ordni dwar l-ammont ta’ *income* taxxabbli stabbilit b’dik l-istima jew dwar ir-*rebate* ta’ taxxa mogħti skond l-artikolu 57 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jew meta l-ammont ta’ l-*income* taxxabbli jew *rebate* ta’ taxxa jkun sar ftehim fuqu taħt l-artikolu 33(4), jew meta l-appell ikun ġie rtirat jew ċedut, jew meta l-ammont ta’ dak l-*income* taxxabbli jew *rebate* ta’ taxxa jkun ġie deċiż fuq oġġezzjoni jew appell, l-istima jew l-ordni kif magħmula jew miftehma jew deċiża f’appell, skond il-każ, tkun finali u konklużiva għall-finijiet kollha ta’ dan l-Att dwar l-ammont ta’ dak l-*income* taxxabbli jew *rebate* ta’ taxxa:

Iżda ebda ħaġa f’din it-Taqsima ma żżomm lill-Kummissarju milli jagħmel xi rifużjoni taħt id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 jew xi stima jew stima addizzjonali għal xi sena ta’ stima li ma jimplikax li tinfetaħ xi kwistjoni li tkun ġiet deċiża fuq appell għas-sena.

Żbalji fi stimi u f'avviżi.

**39.** (1) Ebda stima, mandat jew proċediment ieħor li jidhru li huma skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi ma għandhom jiġu imħassrin jew jitqiesu li huma nulli jew li jistgħu jiġu annullati, minħabba l-għamla, jew ikunu mittiefsa minħabba xi żball, difett jew ommissjoni fihom, jekk huma jkunu fis-sustanza u fl-effett konformi jew skond il-ħsieb u tifsir ta' l-Atti dwar it-Taxxi jew xi Att li jemendhom, u jekk il-persuna intaxxata jew li jkun hemm il-ħsieb li tiġi intaxxata jew mittiefsa b'hekk hija msemmija hemm skond il-ħsieb u ftehim komuni.

(2) Stima ma tkunx mittiefsa jew milquta -

(*a*) minħabba żball fiha dwar -

(i) l-isem jew kunjom ta' persuna intaxxata; jew

(ii) id-deskrizzjoni ta' xi *income*; jew

(iii) l-ammont tat-taxxa stabbilita;

(*b*) minħabba xi differenza bejn l-istima u l-avviż ta' hekk:

Iżda f'każijiet ta' stima, l-avviż t'hekk għandu jiġi debitament notifikat lill-persuna maħsuba li tiġi ntaxxata u dak l-avviż għandu jkun fih, fis-sustanza u fl-effett, id-dettalji li fuqhom issir l-istima.

(3) Fil-każ ta' korp ta' persuni jkun biżżejjed għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi jekk l-isem biss tal-korp ta' persuni jkun jidher fuq xi avviż maħruġ bis-saħħa tiegħu mill-Kummissarju jew f'ismu.

(4) Meta jkun tressaq xi appell minn xi stima magħmula mill-Kummissarju u dik l-istima tiġi b'deċiżjoni jew sentenza finali dikjarata invalida jew bla effett, il-Kummissarju jista' fi żmien sena mid-deċiżjoni jew sentenza skond il-każ, fejn stima ġdida ma tistax tinħareġ taħt xi disposizzjoni oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi, jagħmel stima ġdida dwar it-*taxpayer* fuq l-*income* kollu jew xi parti mill-*income* taxxabbli tat-*taxpayer* kif dikjarat mit-*taxpayer* għas-sena ta' stima in kwistjoni li dwarha ma tkunx ġiet magħmula stima valida; u d-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi dwar avviż ta' stima, appell u proċeduri oħra taħt l-Atti dwar it-Taxxi għandhom japplikaw għal dik l-istima u għat-taxxa stabbilita bis-saħħa tagħha.

## TAQSIMA VII

## Ġbir

Titolu eżekuttiv.
*Emendat:*
*XXIII. 1995.4;*
*V. 1998.6;*
*II. 2004.51;*
*I. 2010.50.*
Kap. 12.
Kap. 123.

**40.** (1) Dan li ġej jikkostitwixxi titolu eżekuttiv skond u għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jiġifieri:

(*a*) l-avviż imsemmi fl-artikolu 73(4)(*ċ*) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*,

(*b*) l-avviż imsemmi fl-artikolu 23(7);

(*ċ*) l-istima finali u konkluživa jew l-ordni msemmija fl-artikolu 38;

(*d*) l-avviż imsemmi fl-artikolu 42(6);

(*e*) l-avviż imsemmi fl-artikolu 43(6);

(*f*) l-avviż imsemmi fl-artikolu 46(1) u l-avviż ta' stima u t-talba magħmula bil-miktub minn idejn il-Kummissarju msemmija fl-artikolu 46(3):

Iżda ħlief fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (*f*), il-proċedura stabbilita fl-artikoli 44(1)(*b*) jew 44(2A)(*ċ*) għandha tiġi mħarsa fil-każijiet kollha qabel ma jiġi nfurzat il-ħlas bis-saħħa ta' dak it-titolu.

(2) Meta skond id-disposizzjonijiet tal-artikoli 44(1)(*b*) jew 44(2A)(*ċ*), ħlas jista' jiġi nfurzat kontra korp ta' nies bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv, il-Kummissarju jista', mingħajr il-ħtieġa ta' xi att ieħor, jipproċedi b'dak l-infurzar kontra kull uffiċjal ta' dak il-korp li jkun responsabbli għalih persunalment skond l-artikolu 7 jew xi regoli magħmula bis-saħħa tiegħu.

Proċeduri fil-każijiet meta oġġezzjoni jew appell ikunu pendenti.

**41.** (1) Meta jkun ingħata avviż ta' oġġezzjoni jew ta' appell kontra likwidazzjoni, il-Kummissarju jista' fid-diskrezzjoni tiegħu, iżomm pendenti l-ġbir ta' mhux inqas minn disgħin fil-mija ta' dik il-parti tat-taxxa likwidata tagħha li fuqha jkun hemm kwistjoni.

(2) Dan l-artikolu ma għandux japplika għal taxxa li għandha titnaqqas skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 u għal taxxa li għandha titħallas skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 42(2).

Żmien li fih għandu jsir il-ħlas. *Emendat: XX. 1996.21; IX. 1999.8; A.L. 425 tal-2007.*

**42.** (1) It-taxxa dovuta għal xi sena ta' stima li tiġi qabel is-sena ta' stima 1999 għandha titħallas sa dak iż-żmien li jispiċċa fl-aħħar ġurnata ta' l-ewwel xahar kalendarju li jiġi minnufih wara dak li matulu jkun ingħata avviż ta' stima skond l-artikolu 33.

(1A) It-taxxa li għandha titħallas għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena ta' stima sussegwenti għandha tkun dovuta u titħallas sa mhux aktar tard minn dik id-data, li tkun data mhux iktar kmieni mid-data tal-prospett ta' taxxa kif stabbilita skond l-artikolu 10, li tiġi matul dik is-sena, li fl-Atti dwar it-Taxxi hija d-"data ta' *settlement* ta' taxxa", kif jiġi preskritt.

(2) Minkejja kull ħaġa li tinsab fis-subartikolu (1) u (1A), it-taxxa provviżorja għandha titħallas lill-Kummissarju fis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima minn kull persuna dwar ir-responsabbiltà tagħha għas-sena ta' stima f'dak l-ammont u b'dak il-mod u f'dik id-data kif jiġi preskritt:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandhomx japplikaw għall-*income* ta' xi korp ta' nies li jinqala' minn attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' jew li huma anċillari għal xogħol bankarju, xandir bis-smigħ jew bit-televiżjoni, kiri ta' films jew xogħol ta' assikurazzjoni (barra minn kummissjonijiet li jinqalgħu mill-bejgħ ta' assikurazzjoni minn korpijiet ta' nies li jirresjedu f'Malta) għar-rigward tar-responsabbiltà ta' dak il-korp ta' nies għal xi sena ta' stima qabel is-sena ta' stima 1990.

(3) Barra minn kull ħlas ta' taxxa provviżorja li jista' jkollha titħallas skond is-subartikolu (2) -

(*a*) kull persuna għandha tagħmel dawk il-ħlasijiet li jiġu

stabbiliti mill-Kummissarju akkont ta' dik it-taxxa li l-imsemmija persuna jkun jonqosha tħallas dwar xi sena ta' stima f'dak l-ammont u b'dak il-mod u f'dik id-data kif jista' jiġi preskritt; u

(*b*) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*ċ*), kull persuna li tħallas it-taxxa provviżorja għandha, mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena, tagħmel ħlas dwar it-taxxa li jkollha tħallas għas-sena ta' stima li tibda fl-ewwel ta' Jannar ta' dik is-sena f'ammont li jkun daqs l-eċċess, jekk ikun hemm, tat-total tat-taxxa li jkollha titħallas dwar l-*income* tagħha għas-sena li taħbat minnufih qabel dik is-sena ta' stima fuq it-total tat-taxxa provviżorja mħallsa minnha dwar dik is-sena, u kull ħelsien minn taxxa doppja li għalih dik il-persuna tista' tkun intitolata dwar is-sena ta' stima msemmija u kull taxxa mnaqqsa minn ras il-għajn skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 59 u 73 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, minn dak l-*income*:

Kap. 123.

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma japplikawx għall-*income* ta' xi korp ta' nies imsemmi fil-*proviso* għas-subartikolu (2) għal xi sena ta' stima qabel is-sena ta' stima 1989;

(*ċ*) Kull persuna li tkun meħtieġa li tagħmel stima personali skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu l0, inkluża persuna li għaliha japplika l-artikolu 12 iżda li ma tagħmilx għażla taħt dak l-artikolu għal dik is-sena, għandha, sa mhux aktar tard mid-data ta' *settlement* ta' taxxa, tħallas l-ammont, jekk ikun hemm, li jkun meħtieġ li jiġi determinat f'dik l-istima personali bħala l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas minn dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima.

(*d*) Minkejja kull provvediment ieħor li hemm f'dan l-Att jew f'xi liġi oħra, ebda persuna ma tista' tpatti mat-taxxa li għandha titħallas għal xi sena ta' stima skond il-paragrafu (*ċ*) xi ammont li jkun, inkluż xi ammont li jitħallas lura lilha jew li jkun lilha dovut bħala kreditu taħt l-Atti dwar it-Taxxi għal xi sena ta' stima oħra.

(*e*) Għall-għanijiet tal-paragrafu (*b*) "persuna li tħallas it-taxxa provviżorja" tfisser kull persuna, inkluża kumpannija, li tikseb xi *income* jew li lilha jakkrexxi xi *income* li ma jkunx emolumenti.

(4) (*a*) Il-ħlas ta' taxxa dovuta minn individwi skond l-artikolu 90A(7)(b) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għandu jsir mhux aktar tard minn:

Kap. 123.

(i) it-30 ta' Mejju tas-sena rilevanti dwar l-*income* li jkun hemm matul il-perijodu Jannar sa April ta' l-istess sena;

(ii) it-30 ta' Settembru tas-sena rilevanti dwar l-*income* li jkun hemm matul il-perijodu Mejju sa Awissu ta' l-istess sena; u

(iii) il-15 ta' Frar tas-sena minnufih wara s-sena rilevanti dwar l-*income* li jkun hemm matul il-perijodu Jannar sa Diċembru tas-sena rilevanti wara li jitnaqqsu l-ħlasijiet magħmula skond is-subparagrafi (i) u (ii). Ma' dan il-ħlas għandu jkun hemm dikjarazzjoni tal-kontijiet li tindika l-profitti netti taxxabbli għas-sena rilevanti.

(*b*) Għall-finijiet tal-paragrafu (*a*) -

"sena rilevanti" tfisser is-sena li matulha jinqala' l-*income* mix-xogħol *part-time*; u

"profitt nett taxxabbli" huwa r-riżultat ta' l-*incomes* u spejjeż kollha skond il-prattika stabbilita ta' *accounting* iżda debitament aġġustat għall-finijiet tat-taxxa fuq l-*income*.

(5) Jekk xi persuna tonqos li tħallas xi taxxa kif preskritta taħt jew b'mod konformi ma', u skond dan l-artikolu, hija tiġi ntaxxata b'dik it-taxxa li kellha hekk titħallas u, barra minn dan, b'dik it-taxxa l-oħra jew imgħax hekk kif provdut fl-artikolu 44, u dik it-taxxa, taxxa addizzjonali u dak l-imgħax jinġabru mingħand dik il-persuna bl-istess mod bħal taxxa diġà likwidata u li għandha titħallas minnha.

(6) Għall-finijiet tas-subartikolu (5) avviż tal-Kummissarju lil xi persuna li juri li t-taxxa li kellha titħallas u t-taxxa addizzjonali u imgħax li tkun suġġetta għalihom minħabba li tkun naqset milli tħallas it-taxxa jkun, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju, prova biżżejjed li l-ammont muri fl-imsemmi avviż ikun l-ammont li għandu jitħallas lill-Kummissarju minn dik il-persuna.

(7) Is-setgħat mogħtija lill-Kummissarju bis-subartikoli (5) u (6) għandhom ikunu b'żieda għal kull dritt ieħor mogħti lilu li jibda proċedimenti dwar reat skond is-subartikolu (8).

(8) (*a*) Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli magħmula bis-saħħa tiegħu teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro (116) u mhux iżjed minn elf u mija u sittin euro (1,160) u multa oħra ta' mhux inqas minn ħdax-il euro (11) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il euro (116) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat.

(*b*) Il-Kummissarju jista' jasal f'arranġamenti dwar kull reat taħt dan l-artikolu u jista', qabel is-sentenza, iżomm jew jasal f'arranġamenti fuq kull provvedimenti taħt dan l-artikolu.

(9) Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, kull taxxa li jkollha titħallas minn kumpanniji b'kummerċ internazzjonali u minn kumpannija dwar profitti allokati lil kont ta' *income* barrani ma jkollhiex titħallas qabel l-ewwel minn:

(*a*) id-data tat-tqassim ta' dawk il-profitti mill-kumpannija; jew

(*b*) tmintax-il xahar wara li jagħlaq il-perijodu tal-kontijiet li matulu l-imsemmija profitti kienu magħmula mill-kumpannija.

Żmien li fih għandu jsir il-ħlas mit-*trustees*.
*Miżjud: XIII. 2004.89.*
Kap. 123.

**42A.** Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-artikolu 42, taxxa li għandha titħallas fuq l-*income* attribwibbli lil *trust* kif imfisser fl-artikolu 27B ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għal xi sena ta' stima, għandha titħallas mhux iktar tard mid-dati stabbiliti għall-ħlas tat-taxxa kif imfisser fl-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

*Advance Company Income Tax.*
*Miżjud: II. 2007.24.*

**42B.** (1) Flimkien mad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima u b'mod partikolari l-artikoli 42 u 43, kumpannija għandha tħallas ukoll it-taxxa imponibbli fuq l-*income* tagħha kif stabbilit f'dan l-artikolu.

Kap. 123.

(2) Meta jsir pagament ta' dividend minn profitti allokati lill-kont ta' l-*income* barrani jew allokati lill-kont intaxxat f'Malta it-taxxa li kumpannija għandha jedd li tnaqqas skond l-artikolu 59 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* fir-rigward ta' dan id-dividend flimkien ma' kull taxxa addizzjonali dovuta skond l-artikolu 44(1)(*a*), wara li jitnaqqas kull kreditu ta' taxxa marbuta mal-profitti li minnhom ikun tħallas id-dividend bl-esklużjoni ta' kull kreditu tat-taxxa marbuta ma' talba għall-ħelsien mit-taxxa doppja skond l-artikoli msemmija fl-artikoli 74(*a*), (*b*), u (*ċ*) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, għandu jissejjaħ *Advance Company Income Tax*.

(3) L-ammont ta' *Advance Company Income Tax* wara li titnaqqas kull talba għall-ħelsien minn taxxa doppja u kull taxxa li l-kumpannija tkun ħallset, sad-data tal-pagament skond dan l-artikolu, fuq profitti li minnhom ikun tħallas id-dividend għandu jkun imħallas mill-kumpannija fi żmien sittin jum mill-aħħar tax-xahar wara dak li fih ikun tħallas id-dividend.

(4) Meta dividend ikun imħallas minn profitti li ġejjin mill-perjodu ta' kontjar li fih id-dividend ikun imħallas, id-dividend għandu, għal finijiet ta' dan l-artikolu, jkun meqjus li ġie mħallas fl-aħħar ġurnata ta' dak il-perjodu ta' kontjar.

(5) Meta pagament ta' *Advance Company Income Tax* ikun sar skond dan l-artikolu l-ammont hekk imħallas, minbarra kull taxxa addizzjonali inkluża fih, għandu jiġi mpaċi ma' kull pagamenti oħra ta' taxxa li l-kumpannija tkun mitluba tagħmel fil-ġejjieni fuq il-profitti li minnhom ikun imħallas id-dividend.

(6) Matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2010 id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal kumpannija li kienet kumpannija reġistrata f'Malta fi jew wara l-1 ta' Jannar 2007, iżda ma kenitx residenti f'Malta qabel dik id-data u għal kumpannija li għaliha l-paragrafu (i) tal-proviso għall-artikolu 48(4A)(*b*) ġie applikat.

**43.** (1) Meta persuna tikseb qligħ jew profitti mit-trasferiment ta' proprjetà msemmija fl-artikolu 5(1)(*a*) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hija għandha -

Qligħ jew profitti minn trasferiment ta' proprjetà. *Emendat: II. 2004.52; XIII. 2004.90; A.L. 425 tal-2007; I. 2010.51.* Kap. 123.

(*a*) meta t-trasferiment ikun jirreferixxi għal proprjetà immobbli jew għas-sehem indiviż tal-proprjetà immobbli miksub qabel il-25 ta' Novembru, 1992, mit-trasferiment *causa mortis*, jew f'qasma ta' proprjetà immobbli miksuba mill-kondiviżuri *causa mortis*, jgħaddi lill-Kummissarju fi żmien ħmistax-il ġurnata mit-trasferiment relattiv ħlas sħiħ u finali ekwivalenti għal 7 fil-mija tal-korrispettiv għar-rigward tat-trasferiment tal-proprjetà:

Iżda, irrispettivament minn jekk l-imsemmija proprjetà gietx hekk miksuba qabel jew wara l-25 ta' Novembru, 1992, l-imsemmi ħlas sħiħ u finali għandu jkun ekwivalenti għal 5% tal-korrispettiv għar-rigward tat-trasferiment tal-proprjetà fejn:

(i) il-konvenju għar-rigward ta' dak it-trasferiment ikun ġie ffirmat qabel il-25 ta' Novembru, 2003;

(ii) l-imsemmi konvenju jkun ġie reġistrat kif imiss fil-Ministeru responsabbli għall-finanzi sat-22 ta' Diċembru, 2003 u ċertifikat għal dak l-iskop ikun inħareg minn dak il-Ministeru;

(iii) l-att ta' trasferiment relattiv jiġi pubblikat sal-31 ta' Ottubru, 2005, liema data għandha tidħol minflok id-data rilevanti li tidher fuq iċ-ċertifikat maħruġ mill-Ministeru skond is-subparagrafu (ii); u

(iv) titħallas it-taxxa taħt l-Att dwar Taxxa fuq Trasferimenti u Dokumenti għal dak l-att u l-att relattiv ikun insinwat fir-Reġistru Pubbliku sal-15 ta' Diċembru, 2005 u kopja taċ-ċertifikat maħruġ mill-Ministeru jiġi preżentat lill-Kummissarju flimkien ma' dak il-ħlas; Kap. 364.

(*b*) f'kull każ ieħor, u irrispettivament minn jekk dak il-qligħ jew dawk il-profitti għandhiex titħallas taxxa fuqhom taħt id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu jew taħt xi disposizzjoni oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi, jgħaddi lill-Kummissarju fi żmien ħmistax-il ġurnata mit-trasferiment relattiv ħlas provviżorju ta' taxxa ekwivalenti għal 7 fil-mija tal-korrispettiv għar-rigward tat-trasferiment tal-proprjetà jew tal-valur tad-donazzjoni:

Iżda fil-każ ta' kuntratti ta' enfitewsi jew sub-enfitewsi ma għandu jitqies ebda ċens jew subċens fis-sena li jkollu jitħallas skond il-kuntratt:

Iżda wkoll fil-każ ta' trasferiment ta' titoli, kif imfisser fl-artikolu 5 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, li jinvolvi trasferiment ta' interess li jikkontrolla skont regoli preskritti, it-taxxa proviżorja li titħallas għandha tkun ekwivalenti għal sebgħa fil-mija tal-ogħla bejn il-valur fis-suq jew il-korrispettiv, u fil-każ ta' trasferiment li għalih japplika l- artikolu Kap. 123.

5(9A) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, dak il- ħlas għandu jsir fi żmien ħmistax-il jum mid-data li l-kumpannija li għandha tiġi intaxxata ma tibqax membru tal-grupp:

Kap. 123.

Iżda wkoll fil-każ ta' trasferiment ta' valur f'titoli, kif previst fis-subartikolu (13)(*b*)(ii) tal-artikolu 5 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, it-taxxa proviżorja li titħallas għandha tkun ekwivalenti għal sebgħa fil-mija tal-qligħ jew profitti msemmija fl-istess subartikolu.

(2) It-taxxa provviżorja taħt dan l-artikolu ma titħallasx dwar -

Kap. 123.

(*a*) xi trasferiment ta' beni li ma jkunx suġġett għat-taxxa taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 5 u 12 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* meta min ser jagħmel it-trasferiment jissottometti l-formola preskritta lill-Kummissarju, fejn jistipula liema dispożizzjoni hija applikabbli u kull dokument rilevanti ieħor li l-Kummissarju jista' jqis neċessarju:

Kap. 123.

Iżda t-taxxa proviżorja għandha f'kull każ titħallas jekk l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* huwa applikabbli bħala riżultat tat-talba għall-eżenzjoni prevista taħt l-artikolu 12(1)(*u*) tal-imsemmi Att;

(*b*) trasferiment ta' proprjetà f'atti ta' diviżjoni;

(*ċ*) trasferiment ta' azzjonijiet f'kumpanniji pubbliċi.

Kap. 123.

(3) Salv it-trasferiment ta' proprjetà msemmija fis-subartikolu (1)(*a*), il-Kummissarju jista' jawtorizza lil kull persuna li tkun suġġetta għat-taxxa taħt l-artikolu 5(1)(*a*) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, li tħallas taxxa provviżorja taħt dan l-artikolu b'rata iktar baxxa minn dik imsemmija fis-subartikolu (1), jekk ikun jista' jiġi ppruvat li l-qligħ ikun inqas minn 20% tal-konsiderazzjoni jew tal-valur tad-donazzjoni, skond il-każ:

Kap. 123.

Iżda wkoll fil-każ ta' trasferiment ta' titoli, kif imfisser fl-artikolu 5 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, li jinvolvi trasferiment ta' interess li jikkontrolla skont regoli preskritti, l-għoxrin fil-mija għandha tiġi kkalkulata fuq l-ogħla bejn il-valur fis-suq u, jew il-korrispettiv.

(4) (*a*) It-taxxa li titħallas minn persuna dwar it-trasferimenti msemmija fis-subartikolu (1)(*a*), ma għandhomx ikunu disponibbli bħala kreditu għall-passiv ta' taxxa ta' dik il-persuna jew għal xi ħlas lura, skond il-każ, għas-sena ta' stima rilevanti. Dik it-taxxa għandha tkun waħda separata u distinta minn dik li tkun ġiet imħallsa jew li għandha titħallas taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 42 u persuna ma tkunx meħtieġa li tiddikjara xi *income* bħal dak f'ebda prospett li jsir konformement ma' l-Atti dwar it-Taxxi.

(*b*) Kull taxxa provviżorja mħallsa għall-finijiet tas-subartikolu (1)(*b*) matul jew dwar is-sena li tiġi minnufih qabel xi sena ta' stima, għandu jsir tpaċija tagħha għall-fini ta' ġbir mat-taxxa mitluba għal dik is-sena ta' stima u jekk ikun hemm eċċess wara dik it-tpaċija hawn qabel imsemmija, dak l-eċċess għandu jitħallas lura skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48. Dik it-taxxa provviżorja għandha tkun separata u distinta minn dik imħallsa jew li għandha titħallas taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 42 ħlief għal persuni li jkollhom qligħ jew profitti minn proprjetà immobbli li taqa' taħt l-artikolu 4(1)(*a*) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*: Kap. 123.

Iżda t-taxxa mħallsa u msemmija fil-paragrafu (*b*) ma għandhiex issir tpaċija tagħha jew tiġi mħallsa lura kif hawn qabel imsemmi kemm-il darba l-persuna li tkun ħallset it-taxxa ma tkunx iddikjarat il-qligħ jew profitti relattivi mit-trasferiment fi prospett ta' income mogħti skond l-artikolu 10 għas-sena ta' stima li tiġi wara dik li matulha kienu miksuba l-qligħ jew profitti minn dak it-trasferiment.

(5) Jekk xi persuna tonqos li tħallas xi taxxa jew taxxa provviżorja, skond il-każ, kif provdut taħt dan l-artikolu, din teħel it-taxxa li kellha hekk titħallas, flimkien ma' taxxa oħra kif provdut fl-artikolu 44(1), u dik it-taxxa u t-taxxa addizzjonali jinġiebu mingħand dik il-persuna bl-istess mod bħal taxxa oħra stmata u intaxxata lilu.

(6) Għall-finijiet tas-subartikolu (5) avviż mill-Kummissarju lil xi persuna li juri t-taxxa li kellha titħallas u kull taxxa addizzjonali li tkun weħlet għax tkun naqset milli tħallas it-taxxa, għandu, sakemm ma jiġix pruvat kuntrarju, ikun prova biżżejjed li l-ammont muri f'dak l-avviż huwa l-ammont li għandu jitħallas lill-Kummissarju mill-imsemmija persuna.

(7) Is-setgħat mogħtija lill-Kummissarju bis-subartikolu (5) u (6) jkunu b'żieda ma' kull jedd mogħti lilu li jibda provvedimenti dwar xi reat taħt is-subartikolu (8).

(8) Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tista teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro (116) u mhux iżjed minn elf u mija u sittin euro (1,160) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u multa oħra ta' mhux inqas minn erba' euro (4) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro (23) għal kull ġurnata li matula jkompli r-reat wara li tinsab ħatja:

Iżda l-Kummissarju jista' jasal f'arranġamenti dwar kull reat taħt dan l-artikolu u jista', qabel is-sentenza, iżomm jew jasal f'arranġamenti fuq kull provvedimenti taħt dan l-artikolu.

(9) (*a*) Xi taxxa jew it-taxxa provviżorja, skond il-każ, li għandha titħallas taħt dan l-artikolu għandha titħallas b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt.

(*b*) Minkejja kull ħaġa li tista' tiġi provduta fir-regoli meta proprjetà immobbli jew xi jeddijiet marbuta magħha jkunu trasferiti bil-mezz ta' att publiku, innutar li jippubblika dak l-att ikollu l-istess dmirijiet u responsabbiltajiet dwar il-ġbir u l-ħlas ta' xi taxxa jew it-taxxa provviżorja, skond il-każ, li jkollha titħallas fuq dak l-att skond dan l-artikolu kif bl-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti huma imposti fuq innutara li jippubblikaw dawk l-atti, dwar it-taxxa li skond dak l-Att għandha tkun intaxxata u miġbura. Kull nuqqas ta' nutar dwar il-ġbir u l-ħlas ta' xi taxxa jew it-taxxa provviżorja, skond il-każ, taħt dan l-artikolu għandha, għall-finijiet kollha ta' l-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, titqies li hi nuqqas tad-dmirijiet tiegħu taħt dan l-Att.

Kap. 364.

(*ċ*) Meta xi beni li t-trasferiment tagħhom ikun suġġett għat-taxxa fuq qligħ kapitali taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jinbiegħu b'irkant ġudizzjarju, ir-Reġistratur tal-Qrati jkollu l-istess dmirijiet biex iżomm u jħallas xi taxxa jew it-taxxa provviżorja, skond il-każ, taħt dan l-artikolu kif, taħt id-disposizzjonijet ta' l-artikolu 66 ta' l-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti huma imposti fuqu dwar taxxa li għandha tinġabar fuq trasferimenti *causa mortis* taħt l-imsemmi Att.

Kap. 123.

Kap. 364.

Taxxa addizzjonali u imgħax għal min ma jħallasx it-taxxa, u infurzar tal-ħlas.
*Emendat:*
*XXIII. 1995.5;*
*IX. 1999.9;*
*II. 2003.47;*
*II. 2004.53;*
*II. 2009.30;*
*I. 2010.52.*
Kap. 123.

**44.** (1) Jekk xi taxxa li għandha titħallas fiż-żminijiet stabbiliti fis-subartikoli (1) jew (2), fis-subartikolu (3)(*a*) u (*b*), fl-artikolu 42, fl-artikolu 43(1), u fl-artikolu 45 jew fl-artikolu 9A(8) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* ma titħallasx fil-perijodu rilevanti-

(*a*) taxxa addizzjonali li tkun daqs wieħed fil-mija tat-taxxa mhux imħallsa għal kull xahar kalendarju jew parti minnu li matulu dik it-taxxa tibqa' mhux imħallsa għandha tiżdied magħha, u d-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, dwar il-ġbir u l-ħlas tat-taxxa jkunu jgħoddu għall-ġbir u għall-ħlas ta' dik it-taxxa addizzjonali;

(*b*) il-Kummissarju għandu jinnotifika nota ta' talba lill-persuna intaxxata, u jekk ma jsirx il-ħlas fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dik in-nota ta' talba, il-Kummissarju jista' jipproċedi għall-infurzar tal-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fl-artikolu 40 wara jumejn min-notifika lid-debitur ta' intimazzjoni għall-ħlas magħmula permezz ta' att ġudizzjarju, jew kif hawn 'il quddiem provdut;

(*ċ*) taxxa addizzjonali mwaħħla skond dan is-subartikolu ma għandhiex titqies li hi parti minn xi taxxa mħallsa jew li għandha titħallas għall-finijiet ta' l-artikoli 59, 73, 76 jew 89 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jew ta' l-artikoli 23, 43, 51 jew 52, jew ta' xi regoli magħmula bis-saħħa tagħhom.

Kap. 123.

(2) Il-Kummissarju jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaħfer għal kollox jew f'parti kull taxxa addizzjonali li għandha titħallas skond is-subartikolu (1):

Iżda ma għandha ssir ebda maħfra bħal dik mill-Kummissarju jekk hu ma jkunx sodisfatt li l-persuna li jkollha tħallas it-taxxa ma setgħetx tagħmel il-ħlas fiż-żminijiet provduti fl-artikolu 42(1), (2) jew (3) jew fl-artikolu 45 jew fir-regoli magħmula bis-saħħa tiegħu minħabba li kienet nieqsa minn Malta jew għax kienet marida serjament jew minħabba dik ir-raġuni l-oħra li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi.

(2A) Meta xi taxxa li għandha titħallas għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena ta' stima sussegwenti ma titħallasx sad-data ta' *settlement* ta' taxxa relattiva -

(*a*) għandu jitħallas fuqha imgħax bir-rata ta' wieħed fil-mija tat-taxxa mhux imħallsa, mid-data ta' *settlement* ta' taxxa għal kull xahar kalendarju jew parti minnu li matulu dik it-taxxa tibqa' ma titħallasx u d-dispoSizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi li jirrigwardaw il-ġbir ta' taxxa għandhom ikunu japplikaw għall-ġbir u rkupru ta' dak l-imgħax:

Iżda għal kull perjodu jew parti minnu li jibda fi jew wara l-1 ta' Jannar 2009, l-imgħax jiġi kalkulat bir-rata ta' żero punt sebgħa ħamsa fil-mija (0.75%) kull xahar jew parti minnu u l-ammont totali ta' l-imgħax ma għandux jeċċedi l-ammont ta' l-imsemmija taxxa;

(*b*) l-ammont ta' taxxa muri bħala li għandu jitħallas għal sena ta' stima minn persuna f'determinazzjoni jew stima li ssir taħt l-artikolu 31 għandu, kemm-il darba u sakemm ma jiġix sostitwit b'xi ammont ieħor permezz ta' determinazzjoni jew stima sussegwenti, jitqies li jkun it-taxxa li għandha titħallas għal dik is-sena ta' stima għall-għan tal-paragrafu (*a*) tkun liema tkun id-data meta l-imsemmija determinazzjoni ssir jew meta l-istima ssir waħda finali u konklużiva;

(*ċ*) il-Kummissarju għandu jinnotifika avviż ta' talba lill-persuna li minnha hi dovuta xi taxxa u jekk ma jsirx ħlas fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż ta' talba, il-Kummissarju jista' jipproċedi biex jesegwixxi għall-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fl-artikolu 40 wara jumejn min-notifika li ssir lid-debitur ta' talba għall-ħlas permezz ta' att ġudizzjarju.

(2B) Minkejja d-dispoSizzjonijiet tas-subartikolu (2A):

(*a*) ma għandu jgħaddi ebda imgħax fuq xi taxxa li għandha titħallas minn persuna għal xi sena ta' stima jekk il-Kummissarju jkun iddetermina u ordna permezz ta' avviż bil-miktub mogħti lil min għandu jħallas skond ir-regoli magħmulin b'mod konformi ma', u skond l-artikolu 23 illi għandu jsir kull tnaqqis

mill-emolumenti li jitħallsu lil dik il-persuna sabiex tinġabar dik it-taxxa u kemm-il darba dak l-avviż ma jkunx ġie revokat permezz ta’ avviż bil-miktub lil dik il-persuna;

(*b*) ebda imgħax ma għandu jgħaddi fuq xi taxxa addizzjonali li tiġi intaxxata skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 56(12) ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*;

(*ċ*) ma għandu jgħaddi ebda imgħax fuq xi taxxa li għandha titħallas fiċ-ċirkostanzi meta persuna ħadet azzjoni taħt Proċedura għall-Ftehim Reċiproku skont ftehim imsemmi fl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* inkluża l-Konvenzjoni 90/436/KEE tat-23 ta’ Lulju 1990 fuq l-eliminazzjoni tal-ħlas għal taxxa doppja f’konnessjoni mat-tiswija ta’ profitti ta’ intrapriżi assoċjati, għall-perjodu bejn id-data meta l-imsemmija azzjoni taħt il-Proċedura għall-Ftehim Reċiproku tibda u d-data meta l-kwistjoni tiġi konkluża taħt l-imsemmija proċedura.

(2Ċ) Imgħax li għandu jitħallas taħt is-subartikolu (2A) ma għandux jitqies bħala parti minn xi taxxa jew taxxa addizzjonali mħallsa jew li għandha titħallas għal xi wieħed mill-għanijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi.

(2D) Il-Kummissarju jista’, fid-diskrezzjoni tiegħu, jaħfer għal kollox jew f’parti l-interessi li għandhom jitħallsu skond is-subartikolu (2A), skond regoli maħruġa apposta għal dan il-għan mill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(3) Ebda oppożizzjoni ħlief dik speċifikament imsemmija f’dan l-Att ma għandha twaqqaf il-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta’ xi att esekuttiv miksub taħt dan l-Att jew il-ħlas mir-rikavat minn xi mandat jew bejgħ b’irkant imwettaq skont dak l-att esekuttiv.

(4) Id-disposizzjoni tas-subartikolu (3) ma tkunx ta’ preġudizzju għall-ammont ta’ taxxa li tiġi stabbilita bħala finali skond id-disposizzjonijiet l-oħra ta’ l-Atti dwar it-Taxxi.

Ġbir ta’ taxxa wara deċiżjoni ta’ oġġezzjoni jew appell.
*Emendat: IX. 1999.10.*

**45.** Meta l-ħlas tat-taxxa jkun ġie miżmum skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 41 sa ma joħroġ ir-riżultat ta’ avviż ta’ oġġezzjoni jew ta’ appell, it-taxxa li tkun għadha ma tħallsitx skond il-likwidazzjoni stabbilita fuq dik l-oġġezzjoni jew dak l-appell, skond il-każ, għandha titħallas sa dak iż-żmien li jispiċċa fl-aħħar jum tax-xahar kalendarju li jaħbat minnufih wara dak li matulu jkun ġie notifikat l-avviż tat-taxxa li jkollha titħallas, u jekk dik it-taxxa ma titħallasx sa dak iż-żmien, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta’ l-aħħar artikolu qabel dan:

Iżda ebda ħaġa f’dan l-artikolu jew fl-artikolu 41 m’għandha titqies li tissospendi li jgħaddi l-imgħax fuq it-taxxa li tkun għadha ma tħallsitx kif imsemmi qabel u l-imgħax fuq it-taxxa msemmija għandu jiġi kalkolat u dovut skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 44(2A) sa mid-data ta’ *settlement* ta’ taxxa relattiva sad-data tal-ħlas.

**46.** (1) Jekk f'xi każ partikolari, il-Kummissarju għandu għalfejn jaħseb illi persuna li ġiet intaxxata tista' titlaq minn Malta qabel ma' dik it-taxxa jkollha titħallas taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi mingħajr ma tkun ħallset dik it-taxxa, huwa jista', b'avviż bil-miktub, lil dik il-persuna jitlob il-ħlas ta' dik it-taxxa fi żmien li jkun stabbilit f'dak l-avviż. Dik it-taxxa għandha fuq hekk titħallas f'egħluq iż-żmien hekk stabbilit u għandha f'nuqqas ta' ħlas, kemm-il darba garanzija għall-ħlas tagħha ma tinġiebx b'sodisfazzjon tal-Kummissarju, tinġabar minnufih bil-mod preskritt fl-artikolu 44.

Hlas tat-taxxa minn persuni li jkunu se jitilqu minn Malta.
*Emendat: IX. 1999.11.*

(2) Jekk f'xi każ partikolari, il-Kummissarju jkollu għalfejn jaħseb illi taxxa fuq xi *income* taxxabbli tista' ma tiġix miġbura, huwa jista' f'kull żmien, u skond kif jitlob il-każ -

(*a*) minnufih b'avviż bil-miktub jeħtieġ lil xi persuna sabiex tagħmel prospett u sabiex tagħti informazzjoni ta' kull *income* bħal dak fi żmien li jkun speċifikat f'dak l-avviż;

(*b*) jagħmel stima tat-taxxa dwar dik il-persuna fl-ammont ta' l-*income* miġjub fil-prospett jew, jekk ma jintbagħatx dak il-prospett jew jekk il-Kummissarju ma jkunx sodisfatt b'dak il-prospett, f'dak l-ammont illi l-Kummissarju jaħseb li hu xieraq;

(*ċ*) b'avviż bil-miktub lill-persuna intaxxata jitlob li tinġieb minnufih garanzija għall-ħlas tat-taxxa stmata, għas-sodisfazzjon tiegħu.

(3) Lill-persuna intaxxata għandu jingħata avviż ta' stima magħmula skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), u kull taxxa hekk stmata (skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2)) għandha titħallas fuq talba magħmula bil-miktub minn idejn il-Kummissarju u, jekk ma jsirx il-ħlas, kemm-il darba ma tinġiebx garanzija għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju, għandha tinġabar minnufih bil-mod preskritt fl-artikolu 47.

(4) Kull persuna li tkun ħallset it-taxxa skond talba magħmula mill-Kummissarju jew illi tkun ġiebet garanzija għal dak il-ħlas taħt is-subartikolu (2) jkollha l-jeddijiet ta' oġġezzjoni u ta' appell mogħtijin bl-artikoli 33, 35 u 37 u l-ammont imħallas minnha għandu jkun aġġustat skond ir-riżultat ta' xi oġġezzjoni jew appell bħal dawk.

(5) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ma jnaqqsux is-setgħa mogħtija lill-Kummissarju bl-artikoli 30 u 31.

**47.** (1) It-taxxa tista' ssir kawża dwarha u tinġabar, skond il-każ, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) wkoll fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha, mill-Kummissarju fil-kwalità uffiċjali tiegħu, bl-ispejjeż kollha tal-kawża, mingħand il-persuna mressqa għal hekk, mingħand il-persuna li għandha tħallasha jew mingħand il-persuna responsabbli għat-tnaqqis tagħha bħala dejn.

Kawża mill-Kummissarju għat-taxxa.
*Emendat: IX. 1999.12; II. 2004.54; IV. 2007.30.*

(2) Salv kif xort'oħra espressament provdut fl-Atti dwar it-

Taxxi u salvi b'mod partikolari d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 30(5) u ta' l-artikolu 31(7), l-azzjoni għall-ħlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imgħax jew xi penali tista' tinbeda f'kull żmien mid-data minn meta jsiru dovuti u għandhom jitħallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima għar-rigward tagħhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklużiva.

(3) Iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) jitwaqqaf b'talba għal ħlas notifikata permezz tal-posta reġistrata mill-Kummissarju jew b'att ġudizzjarju preżentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iż-żmien li fihom jintalab il-ħlas ta' l-ammont dovut.

(4) Meta l-azzjoni msemmija fis-subartikoli (2) u (3) ma tkunx ittieħdet fiż-żmien hemm stipulat, u dak iż-żmien jiskadi fil-31 ta' Diċembru, 2003 jew qabel dik id-data, għaldaqstant, minkejja d-disposizzjonijiet ta' dawk is-subartikoli, l-azzjoni għall-ħlas ta' dik it-taxxa, taxxa addizzjonali, mgħax jew penali tista' tittieħed sal-31 ta' Diċembru, 2005.

TAQSIMA VIII

**Rifużjoni**

Hlas lura ta' taxxa.
*Emendat:*
*XX. 1996.21;*
*V. 1998.7;*
*IX. 1999.13;*
*II. 2003.48;*
*II. 2004.55;*
*II. 2007.25;*
*IV. 2007.31;*
*IX. 2007.7;*
*II. 2009.31;*
*I. 2010.53.*

**48.** (1) Jekk jiġi ppruvat, b'sodisfazzjon tal-Kummissarju, illi xi persuna f'xi sena ta' stima ħallset taxxa, bi tnaqqis jew xort'oħra, b'iżjed mill-ammont li bih hija proprjament għandha tiġi intaxxata, dik il-persuna jkollha l-jedd li l-Kummissarju jirrifondilha l-ammont hekk imħallas b'eċċess. Kull talba għall-ħlas lura taħt dan l-artikolu għandha ssir fi żmien erba' snin mid-data li fiha l-istima dwar dik is-sena ta' stima li għaliha tirreferi ssir finali u konklużiva:

Iżda fil-każ ta' persuna li tagħmel talba għall-ħlas lura dwar xi sena ta' stima li dwarha ma kellha ebda *income* taxxabbli, dik it-talba għandha ssir fi żmien erba' snin mit-tmiem tas-sena ta' stima li għaliha tirreferi t-talba:

Iżda wkoll, meta t-talba jkollha x'taqsam ma' taxxa mħallsa għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena ta' stima sussegwenti, din għandha ssir fi żmien ħames snin mid-data tal-prospett ta' taxxa relattiva jew, meta tkun saret stima għar-rigward tagħha, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklużiva:

Iżda wkoll f'ebda każ ma għandha ssir xi rifużjoni dwar -

(*a*) xi taxxa li kumpannija tkun naqqset jew li jkollha l-jedd li tnaqqas minn xi dividend imħallas lil xi persuna li bis-saħħa ta' xi eżenzjoni mogħtija taħt kull liġi ma tkunx suġġetta għat-taxxa fuqu; u

(*b*) xi taxxa li tiġi ntaxxata lil xi korp ta' persuni taħt l-artikolu 56(4) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jew taħt l-artikolu 27(3) u (4); u

Kap. 123.

(*ċ*) xi taxxa li kumpannija tkun naqqset jew ikollha jedd tnaqqas minn xi dividend imħallas lil skema ta' investiment kollettiv.

Għall-għanijiet ta' dan il-*proviso* -

"kumpannija" tinkludi skema ta' investiment kollettiv; u

"dividend" tinkludi kull tqassim magħmul minn skema ta' investiment kollettiv.

(1A) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), f'ebda każ m'għandu jkun hemm rifużjoni lil xi persuna rigward is-sena ta' stima 1999 jew xi sena ta' stima sussegwenti sakemm u sa meta dik il-persuna tkun bagħtet kull prospett ta' taxxa, li għandhom jintbagħtu taħt dan l-Att, rigward is-sena ta' stima 1999 sa u inkluża s-sena ta' stima ta' qabel is-sena li fiha r-rifużjoni kienet tkun imħallsa li kieku ma kienx għall-applikazzjoni ta' dan is-subartikolu.

(1B) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), f'ebda każ m'għandu jkun hemm rifużjoni taħt dan l-Att minn xi persuna reġistrata għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, sakemm u sa meta dik il-persuna tkun bagħtet kull prospett ta' taxxa jew dikjarazzjonijiet, kif mitlub li jiġu sottomessi għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud rigward il-perjodi ta' taxxa sa u inkluż l-aħħar perjodu ta' taxxa komplut tas-sena ta' qabel is-sena li fiha r-rifużjoni kienet tkun imħallsa li kieku ma kienx għall-applikazzjoni ta' dan is-subartikolu. Kap. 406.

(2) Ħlief għal dak li għandu x'jaqsam ma' somom li għandhom jitħallsu lura fuq oġġezzjoni jew appell, ebda ħlas lura ma għandu jsir lil ebda persuna dwar xi sena ta' stima li dwarha dik il-persuna naqset jew ittraskurat li tikkunsinna prospett jew ġiet intaxxata f'somma aktar mill-ammont li jinsab fil-prospett tagħha, kemm-il darba hija tkun irċeviet avviż ta' l-istima magħmula dwarha għal dik is-sena; u jekk dik il-persuna ma tkunx għamlet għażla taħt l-artikolu 12 għal dik is-sena jew ma jiġix ippruvat b'sodisfazzjon tal-Kummissarju illi dak in-nuqqas jew traskuraġni tal-kunsinna ta' prospett veru u korrett ma kienux ġejjin minn qerq jew att jew ommissjoni volontarji min-naħa ta' dik il-persuna.

(2A) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2B) kull taxxa li jiġi determinat dwarha li għandha titħallas lura lil persuna għal xi sena ta' stima taħt l-artikolu 31(1) jew (2), għandha ssir dovuta jew għandha titqies bħala li saret dovuta, skond il-każ, fil-każ ta' persuna li għaliha japplika l-artikolu 11(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, fl-ewwel t'April, u fil-każ ta' kull persuna oħra, fl-ewwel ta' Marzu, tas-sena li tiġi minnufih wara dik is-sena ta' stima jew f'dik id-data jew dawk id-dati oħra, li ma jaħbtux wara d-dati msemmija qabel, kif jista' jiġi preskritt. Kap. 123.

(2B) (i) Meta t-taxxa li għandha titħallas lura tkun ġiet determinata taħt l-artikolu 31 wara li jsir prospett li jkun twassal wara d-data tal-prospett ta' taxxa rilevanti, din għandha ssir dovuta jew titqies bħala li saret dovuta, skond il-każ, f'dik il-ġurnata li tkun l-aktar tard minn -

(*a*) l-aħħar jum tat-tnax-il xahar li jiġi wara dak ix-xahar li fih kien twassal l-imsemmi prospett, u

(*b*) l-aħħar jum tas-sitt xahar li jiġi wara d-data li fiha kienet xort'oħra tkun dovuta skond is-

subartikolu (2A).

(ii) Fil-każ ta' persuna li għaliha japplikaw is-subartikoli (1A) jew (1B), kull rifużjoni li kienet titħallas li kieku ma kienx għad-dispożizzjonijiet ta' dawk is-subartikoli, għandha tkun dovuta jew titqies li tkun dovuta, skont il-każ, fl-aħħar ġurnata tat-tnax-il xahar wara dak ix-xahar li fih intbagħatu l-prospetti tat-taxxa msemmija f'dawk is-subartikoli.

(2C) Il-Kummissarju jkollu jedd inaqqas minn kull ħlas lura dovut lil persuna kif dikjarat fis-subartikoli (2A) jew (2B) kull taxxa, taxxa addizzjonali jew imgħax li jista' jkun dovut minn dik il-persuna taħt l-Atti dwar it-Taxxi.

(2D) Għandu jitħallas imgħax mill-Kummissarju fuq kull ħlas lura ta' taxxa li jsir dovut taħt is-subartikolu (2A) jew (2B) wara xi tnaqqis magħmul skond is-subartikolu (2C), sa mid-data meta dan isir dovut kif imsemmi qabel bir-rata ta' wieħed fil-mija għal kull xahar jew parti minn xahar li matulu jibqa' mhux imħallas:

Iżda għal kull perjodu jew parti minnu li jibda fi jew wara l-1 ta' Jannar 2009, l-imgħax jiġi kalkulat bir-rata ta' żero punt sebgħa ħamsa fil-mija (0.75%) kull xahar jew parti minnu u l-ammont totali ta' l-imgħax ma għandux jeċċedi l-ammomt ta' l-imsemmi ħlas lura.

(2E) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu meta l-ħlas lura ta' taxxa jsir permezz ta' ċekk jew *draft*, it-taxxa għandha titqies li tkun tħallset lura lil persuna fil-jum meta jiġi mpustat dak iċ-ċekk jew *draft* lil dik il-persuna fl-aħħar indirizz magħruf tagħha.

(2F) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2B) sa (2E) m'għandhomx japplikaw għal rifużjonijiet li dwarhom jirreferu s-subartikoli (4) jew (4A) jew l-ewwel proviso li hemm mas-subartikolu (7).

(3) Kull persuna li tkun aggravata bid-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar l-ammont li għandu jitħallas lura taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkollha l-istess jedd għall-appell kontra dik id-deċiżjoni daqslikieku hija kienet aggravata bi stima magħmula dwarha:

Iżda dak l-appell ma jerġax jiftaħ xi kwistjoni li dwarha jedd ta' appell taħt l-artikoli 35 u 37 ikun għalaq jew xi kwistjoni li ġiet ġa deċiża f'appell.

(4) (*a*) Persuna, li tirċievi dividend imħallas lilha minn profitti allokati lil kont ta' *income* barrani jew minn xi profitti mqassmin minn kumpanija b'kummerċ internazzjonali, skond il-każ, tista' titlob ħlas lura ta' żewġ terzi tat-taxxa ta' Malta li tkun tħallset mill-kumpanija dwar dawk il-profitti mqassmin minnha bħala dividend, meta dik il-persuna tkun jew:

(i) mhux residenti f'Malta u li, meta applikabbli, ma tkunx proprjetà ta', u kontrollata minn, direttament jew indirettament, lanqas ma taġixxi f'isem, persuna li ordinarjament tirrisjedi u domiċiljata f'Malta; jew

(ii) kumpannija residenti f'Malta li tkun għal kollox proprjetà ta' persuna jew persuni mhux residenti f'Malta, iżda dik il-persuna jew dawk il-persuni ma jkunux proprjetà ta', u kontrollati minn, lanqas ma jkunu qed jaġixxu f'isem, persuna jew persuni li ordinarjament jirrisjedu u domiċiljati f'Malta:

Iżda l-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafi (i) u (ii) iktar 'il fuq m'għandhomx japplikaw rigward dividendi mħallsin minn xi kumpannija reġistrata f'Malta lil xi azzjonist riċevitur li huwa rreġistrat għall-finijet tal-artikolu 48(4) jew l-artikolu 48(4A).

(*b*) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*a*), meta l-profitti mqassmin kif intqal qabel mill-kont ta' *income* barrani jinkisbu minn sehem parteċipanti jew mid-disponiment minn dak is-sehem, tista' ssir talba għall-ħlas lura ta' kull taxxa ta' Malta mħallsa dwar dawk il-profitti:

Iżda għal talba għal ħlas lura ta' taxxa relatata ma' dividendi miksuba minn sehem parteċipanti akkwistat fi jew wara l-1 ta' Jannar 2007, ir-rimbors skond dan il-paragrafu jkun dovut biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu (i) jew fil-paragrafu (ii) hawn taħt ikunu sodisfatti:

(i) meta l-korp ta' persuni li fih ikun hemm sehem parteċipanti jissodisfa xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet, jiġifieri:

1. jkun residenti jew inkorporat f'pajjiż jew territorju li jifforma parti mill-Unjoni Ewropea;

2. jkun soġġett għal xi taxxa barranija ta' mill-anqas ħmistax fil-mija (15%);

3. ma jkollux aktar minn ħamsin fil-mija (50%) ta' l-*income* tiegħu miksub minn imgħax passiv jew *royalties*;

(ii) meta ebda waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu (i) ma tkun sodisfatta għandhom jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

1. is-sehem b'ekwità mill-kumpannija reġistrata f'Malta fil-korp ta' persuni li mhux residenti f'Malta mhux investiment ta' portafoll u għal dan il-għan il-pussess ta' azzjonijiet ta' kumpannija residenti f'Malta f'korp ta' persuni li mhux residenti f'Malta li jikseb iktar minn ħamsin fil-mija (50%) ta' l-*income* tiegħu minn investiment ta' portafoll għandu jitqies bħala investiment ta' portafoll; u

(2) il-korp ta' persuni li mhux residenti f'Malta jew l-imgħax jew *royalties* passivi tiegħu kienu soġġetti għal xi taxxa

barranija b'rata ta' mhux inqas minn ħamsa fil-mija (5%):

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet tal-proviso immedjatament preċedenti għandhom, b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2011, japplikaw ukoll għal talba ta' ħlas lura ta' taxxa ta' Malta mħallsa fuq il-profitti mqassma inklużi f'dividendi riċevuti minn sehem parteċipanti akkwistat qabel l-1 ta' Jannar 2007.

(*ċ*) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu u tas-subartikolu (7), l-espressjoni "taxxa ta' Malta mħallsa" tfisser it-taxxa li fil-fatt titħallas mill-kumpannija lill-Kummissarju fuq il-profitti li jitqassmu mill-kont ta' *income* barrani jew fuq il-profitti miksubin u mqassmin minn kumpannija filwaqt li din kienet kumpannija b'kummerċ internazzjonali, skond il-każ:

Iżda għal dak li jirrigwarda talbiet magħmula relatati mal-pagament ta' dividendi minn profitti allokati lill-kont ta' *income* barrani u intaxxati fis-sena ta' stima 2008 u s-snin ta' stima ta' wara, l-espressjoni "taxxa ta' Malta mħallsa" għandha tfisser it-taxxa li fil-fatt titħallas mill-kumpannija lill-Kummissarju fuq il-profitti hekk allokati flimkien ma' l-ammont, jekk ikun hemm, li bih din it-taxxa kienet mnaqqsa permezz ta' talba għall-ħelsien mit-taxxa doppja skond l-artikoli msemmija fl-artikolu 74(*a*), (*b*) u (*ċ*) ta' l-Att dwar it Taxxa fuq l-*Income*.

Iżda li l-*provisos* li ġejjin għandhom japplikaw ukoll għas-subartikolu (4) kollu:

(i) mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2014, fir-rigward ta' dividendi mħallsa minn kumpannija li kienet kumpannija b'kummerċ internazjonali fil-31 ta' Diċembru 2010, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikomplu japplikaw wara l-31 ta' Diċembru 2010 fir-rigward tat-tqassim ta' profitti li jkunu nqalgħu minn din il-kumpannija meta kienet kumpannija b'kummerċ internazzjonali;

(ii) persuna residenti f'Malta, reġistrata għall-finijiet sabiex tagħmel talba skont dan is-subartikolu f'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt, tista' wkoll titlob rifużjoni tat-taxxa kkontemplata f'dan is-subartikolu rigward id-dividendi mħallsa mill-profitti allokati fuq kont ta' *income* barrani meta dak id-dividend jitħallas:

1. minn kumpannija li kienet kumpannija reġistrata f'Malta fl-ewwel ta' Jannar 2007 jew wara iżda ma kenitx residenti f'Malta qabel dik id-data; u
2. minn xi kumpannija li kienet eżerċitat l-għażla tagħha skont il-paragrafu (i) tal-proviso tal-artikolu 48(4A)(*b*); u
3. minn xi kumpannija oħra reġistrata f'Malta mill-profitti miksuba mill-imsemmija kumpannija

rigward perjodi ta' kontjar li bdew flewwel ta' Jannar 2011.

(4A) (*a*) B'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007, persuna li tirċievi dividend imħallas lilha minn kumpannija reġistrata f'Malta minn profitti allokati lill-kont intaxxat f'Malta jew lill-kont ta' *income* barrani tagħha tista' titlob lura sitta minn kull seba' parti (*six-sevenths*) ta' l-*Advance Company Income Tax* imħallsa mill-kumpannija fuq dawk il-profitti mqassma lilha bħala dividend, sakemm dik il-persuna tkun reġistrata għal dan il-għan skond kif ikun preskritt:

Iżda meta dividend ikun imħallas minn profitti:

(i) li jkunu magħmula minn imgħax jew *royalties* passivi jew minn dividendi riċevuti minn sehem parteċipanti f'korp ta' persuni li ma jissodisfax il-kondizzjonijiet imsemmija fil-proviso għall-artikolu 12(1)(*u*) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, ir-rata ta' ħlas lura ta' taxxa tkun ta' ħamsa minn kull seba' parti (*five-sevenths*) ta' *Advance Company Income Tax* imħallsa; Kap. 123.

(ii) allokati lill-kont ta' *income* barrani u li għalihom il-kumpannija tkun talbet il-ħelsien mit-taxxa doppja ma jistax ikun hemm talba għal ħlas lura ta' taxxa taħt dan is-subartikolu.

(*b*) Matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2010, kull talba għal ħlas lura kontemplata f'dan is-subartikolu tista' ssir biss minn persuna li tirċievi dividend minn kumpannija li kienet kumpannija reġistrata f'Malta fi jew wara l-ewwel ta' Jannar 2007 iżda ma kenitx residenti f'Malta qabel dik id-data:

Iżda:

(i) persuna li tirċievi dividend minn kumpannija msemmija f'wieħed mis-subparagrafi (1) jew (2), u mħallas wara li dik il-kumpannija tkun informat lill-Kummissarju kif kontemplat fis-subparagrafi (1) jew (2) hawn taħt, tista' wkoll titlob il-ħlas lura ta' taxxa skond dan is-subartikolu matul il-perjodu msemmi jekk il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (*a*) ikunu sodisfatti:

(1) kumpannija li tikkwalifika bħala kumpannija b'kummerċ internazzjonali u li tinforma lill-Kummissarju li tkun għażlet li tieqaf tkun kumpannija b'kummerċ internazzjonali liema għażla għandha tkun approvata b'riżoluzzjoni straordinarja tal-membri ta' din il-kumpannija;

(2) kumpannija li tkun infurmat lill-Kummissarju li tkun għażlet li tiġi trattata bħala kumpannija li kienet reġistrata f'Malta fi jew wara l-1 ta' Jannar 2007 iżda li ma kenitx residenti f'Malta qabel dik id-data, fejn dik il-kumpannija kellha, fit-tliet perijodi ta' kontjar eżatt qabel dak li fih tkun hekk infurmat lill-Kummissarju, flimkien aktar minn 50% tal-profitti tagħha allokati fil-kont ta' taxxa barrani jew jikkonsisti minn *income* li għalih l-eżenzjoni provduta bl-artikolu 12(1)(*u*) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* hija applikabbli u ġiet applikata, liema għażla għandha tkun approvata permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja tal-membri ta' dik il-kumpannija:

Kap. 123.

Iżda:

(*aa*) meta l-kumpannija ma kenitx teżisti jew ma kenitx residenti jew reġistrata f'Malta matul il-perjodu kollu ta' tliet snin imsemmi hawn fuq il-kondizzjoni dwar in-natura ta' l-*income* tagħha kif dispost fil-paragrafu (2) hawn fuq għandha tiġi determinata b'referenza għall-perjodu li dik il-kumpannija kienet teżisti, residenti jew reġistrata f'Malta skond il-każ;

(*bb*) Il-Kummissarju jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jiddetermina illi l-paragrafu 2 iktar 'il fuq japplika għall-kumpannija jekk ikun tal-opinjoni illi huwa probabbli illi fil-futur previst iktar minn nofs il-profitti tal-kumpannija li jkunu ser jiġu distribwiti jkunu jikkonsistu f'xi waħda mill-kategoriji jew fil-kategoriji kollha ta' *income* li ġejjin:

- profitti li jkunu ser jiġu allokati lill-kont ta' *income* barrani;
- profitti li mhumiex soġġetti għat-taxxa li iżda li kieku jiġu xort'oħra allokati lill-kont ta' *income* barrani;
- dividendi riċevuti minn kumpannija b'kummerċ internazzjonali, inklużi, fejn applikabbli, dividendi mħallsa wara li l-kumpannija tkun eżerċitat l-għażla taħt il-paragrafu 1 tal-proviso (i);

- *income* miksub mill-proprjetà ta' u/jew iċ-*chartering* ta' bastiment *tonnage tax* kif imfisser fir-Regolamenti dwar Bastimenti Merkantili (Tassazzjoni u Ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu ma' Organizzazzjonijiet ta' Bastimenti); L.S. 234.43
- *income* miksub mill-proprjetà ta' u, jew iċ-*chartering* ta' kull vapur, jott, dgħajsa u kwalunkwe bastiment ieħor li f'kull każ ma jkunx bastiment *tonnage tax* kif imfisser fir-Regolamenti dwar Bastimenti Merkantili (Tassazzjoni u Ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu ma' Organizzazzjonijiet ta' Bastimenti) iżda l-*income* imsemmi aktar qabel kien miksub minn kumpannija li kienet oriġinarjament inkorporata u soġġetta għar-Regolamenti dwar Bastimenti Merkantili (Organizzazzjonijiet ta' Bastimenti - Kumpanniji Privati), li l-għanijiet tagħha kienu ristretti kif mitlub taħt dawk ir-Regolamenti; L.S. 234.43 L.S. 234.42
- *income* ta' xi kumpannija li tikkwalifika għall-benefiċċji skont ir-regolamenti 4, 5 jew 6 tar-Regolamenti dwar il-Promozzjoni tan-Negozju: L.S. 325.06

Iżda wkoll li kumpannija li għaliha japplika l-paragrafu (2) hawn fuq ma tkunx intitolata li titlob ħlas lura tat-taxxa mħallsa Malta fuq profitti allokati għal kont ta' taxxa Maltija fis-snin ta' stima ta' qabel is-sena ta' stima 2008;

(ii) din il-kumpannija ma tkun kisbet ebda mill-profitti tagħha, (ukoll jekk dawn il-profitti ma jkunux inklużi fl-imsemmi dividend) direttament jew indirettament, minn sengħa, negozju jew attività oħra (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-attività l-ġdida") li tkun kollha kemm hi jew parzjalment l-istess jew espansjoni, sostituzzjoni jew duplikazzjoni ta' sengħa, negozju jew attività oħra li kienet titmexxa f'Malta qabel l-1 ta' Jannar 2007, minn kwalunkwe persuna (hawn iżjed 'il quddiem

imsejħa "l-attività l-qadima"); u dan li ntqal għandu jiġi interpretat fid-dawl ta' dan li ġej:

(1) meta r-riżorsi umani, tanġibbli u intanġibbli ta' l-attività l-ġdida jkunu sostanzjalment l-istess bħal dawk użati fl-attività l-qadima, għandu jkun meqjus, sakemm il-kuntrarju ma jkunx ippruvat, li l-attività l-ġdida hija l-istess jew espansjoni, sostituzzjoni jew duplikazzjoni ta' l-attività l-qadima;

(2) meta l-attività l-ġdida titmexxa, direttament jew indirettament, minn xi persuna li hija b'xi mod, dirett jew indirett, konnessa jew assoċjata ma' xi persuna li kienet tmexxi l-attività l-qadima permezz ta' azzjonijiet, drittijiet ta' votazzjoni jew drittijiet ta' proprjetà jew kontrolli oħra, għandu jkun meqjus, sakemm il-kuntrarju ma jkunx ippruvat, li l-attività l-ġdida hija l-istess jew espansjoni, sostituzzjoni jew duplikazzjoni ta' l-attività l-qadima;

(3) attività ġdida m'għandhiex titqies li hi l-istess jew espansjoni, sostituzzjoni jew duplikazzjoni ta' l-attività l-qadima biss għaliex l-attività l-ġdida tixbaħ l-attività l-qadima għax, *inter alia*, tipprovdi l-istess tip ta' prodotti jew servizzi jew għax l-attività l-ġdida topera fl-istess suq bħal l-attività l-qadima u tikkompeti ma' l-attività l-qadima:

Iżda meta l-attività l-qadima kienet magħmula minn kumpannija li għaliha l-proviso (i) għal dan il-paragrafu (*b*) jista' jiġi applikat l-attività l-ġdida m'għandhiex titqies, fl-intier tagħha jew parti minnha, li hija l-istess attività jew espansjoni, sostituzzjoni jew duplikazzjoni ta' l-attività l-qadima.

(*ċ*) Għall-finijiet tal-paragrafu (*b*)(ii) meta l-Kummissarju jkun ta' l-opinjoni li kull attività magħmula minn kumpannija li tikkonsisti minn xi parti minn xi attività amministrattiva, maniġerjali jew attività oħra mmexxija minn xi persuna bħala parti minn negozju tiegħu qabel l-ewwel ta' Jannar 2007, u kull attività li tagħmel parti minn skema li l-għan uniku jew prinċipali tagħha jkun li jiġu evitati d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*b*) għandha tkun sengħa, negozju jew attività li kienet saret f'Malta, qabel l-1 ta' Jannar 2007, minn kwalunkwe persuna; u għal dan il-għan il-kelma "skema" għandu jkollha t-tifsira mogħtija fl-artikolu 51(5) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*. Kap. 123.

(*d*) Mingħajr preġudizzju għall-proviso (i) tal-paragrafu (*b*) ta' dan l-artikolu talba għal ħlas lura skond id-

disposizzjonijiet tal-paragrafu (*a*) fir-rigward ta' dividend imħallas minn profitti allokati lill-kont intaxxat f'Malta minn kumpanniji li kienu residenti f'Malta qabel l-l ta' Jannar 2007 tista' ssir biss fir-rigward tat-taxxa mħallsa fuq profitti miksuba mill-kumpannija msemmija għas-sena ta' kontjar li tibda fi jew wara l-1 ta' Jannar 2011.

(5) Talba għall-ħlas lura skond is-subartikolu (4) jew is-subartikolu (4A) għandha ssir mhux iktar tard minn erba' snin mid-data li fiha l-ammont tat-taxxa jikkwalifika biex jitħallas lura.

(6) Il-Kummissarju jista' jagħmel il-ħlas lura taħt is-subartikolu (4) jew is-subartikolu (4A) meta jkun sodisfatt dwar il-korretezza tat-talba magħmula u malli jirċievi ċertifikat maħruġ mill-kumpannija li tħallas id-dividend taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 59(5) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*. Dan il-ħlas lura, ħlief jekk ikun provdut mod ieħor fl-Atti dwar it-Taxxi, m'għandux ikun taxxabbli: Kap. 123.

Iżda minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Kummissarju m'għandux jagħmel dawk il-pagamenti sakemm ma tkunx tħallset kull taxxa dovuta skond id-disposizzjonijiet ta' l-*income* fuq l-investiment imsemmija fl-artikolu 41(*a*)(viii)(2) jew (4) li jinkludu profitti mqassma li t-taxxa mħallsa fuqhom hija t-taxxa li għaliha tkun saret it-talba skond dan is-subartikolu. Kap. 123.

(7) (*a*) Meta tkun saret talba għal ħlas lura taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) jew is-subartikolu (4A), ebda persuna ma jkollha jedd għal iktar ħlas lura taħt dak is-subartikolu jew għal ħlas lura taħt xi disposizzjonijiet oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi tat-taxxa ta' Malta mħallsa li dwarha tkun saret it-talba.

(*b*) Meta tkun saret talba għall-ħlas lura ta' taxxa ta' Malta mħallsa taħt is-subartikolu (1), ebda persuna ma jkollha jedd għal iktar ħlas lura taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) jew is-subartikolu (4A) tat-taxxa ta' Malta mħallsa li dwarha tkun saret it-talba.

(*ċ*) Meta kumpannija (il-kumpannija li tqassam) tħallas dividend minn profitti allokati lil kont ta' *income* barrani, lil kumpannija residenti f'Malta (il-kumpannija riċevitura) u talba għal ħlas lura tkun saret taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) jew is-subartikolu (4A) dwar it-taxxa mħallsa mill-kumpannija riċevitura fuq id-dividend riċevut mill-kumpannija li tqassam, ebda persuna ma jkollha jedd għal iktar ħlas lura taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) jew is-subartikolu (4A) tat-taxxa ta' Malta mħallsa li dwarha tkun saret it-talba.

(*d*) Ħlas lura ta' taxxa pagabbli skond is-subartikolu (4) jew is-subartikolu (4A) m'għandu fl-ebda każ jeċċedi l-ammont ta' taxxa li fil-fatt ikun imħallas mill-kumpannija li tħallas id-dividend fuq il-profitti

mqassma inklużi f'dak id-dividend li dwaru ssir it-talba skond dawk is-subartikoli:

Iżda persuna li għandha jedd għal ħlas lura kif muri taħt is-subartikolu (4) jew is-subartikolu (4A) dwar profitti mqassmin minn kumpannija b'kummerċ internazzjonali jkollha wkoll jedd għall-ħlas lura tad-differenza bejn it-taxxa ta' Malta intaxxata lil dik il-kumpannija u t-taxxa li jkollha titħallas minn dik il-persuna fuq dak l-*income* skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att:

Iżda wkoll li d-disposizzjonijiet tal-proviso li jiġi eżatt qabel għandhom, fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2014, japplikaw ukoll fil-każ tal-profitti kollha mqassma minn kumpannija li kienet kumpannija b'kummerċ internazzjonali fil-31 ta' Diċembru 2010 fejn dawk il-profitti kienu maqlugħa minn dik il-kumpannija meta kienet kumpannija b'kummerċ internazzjonali.

(8) Ħlas lura li jkollu jitħallas mill-Kummissarju kif intqal qabel jikkostitwixxi dejn dovut mill-Kummissarju lil min jagħmel it-talba, li għandu jitħallas mhux iktar tard mill-erbatax-il jum wara l-ġurnata li fiha l-ħlas lura jkun dovut u għandu hekk jinġabar.

(9) Meta ħlas lura ta' taxxa mill-Kummissarju ma jkunx kompletament jew parzjalment dovut lil persuna, dik il-persuna tkun obbligata li tirrifondi dak l-ammont lill-Kummissarju fi żmien tletin ġurnata mid-data ta' meta dik il-persuna tirċievi dak il-ħlas lura, u meta ma ssirx dik ir-rifużjoni kif intqal qabel ikun dovut imgħax skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 44.

(10) Jekk persuna tagħmel talba għal ħlas lura skond is-subartikolu (4) jew is-subartikolu (4A) meta din il-persuna ma kenitx intitolata għal dan il-ħlas lura din il-persuna jkollha tħallas penali daqs l-ammont ta' ħlas lura mitlub u jekk il-ħlas lura jkun fil-fatt tħallas lilha, dik il-persuna jkollha wkoll tħallas l-ammont ta' taxxa mħallas lura kif ukoll taxxa addizzjonali ta' sebgħa fil-mija fix-xahar jew parti minnu b'bidu mix-xahar li fih l-imsemmi ħlas lura jkun ġie magħmul lilu sax-xahar li fih ikun ħallas it-taxxa mħallsa lura u kull pagament magħmul minn din il-persuna fir-rigward tat-taxxa li għandha tiġi mħallsa lura minnha skond dan il-paragrafu għandha tkun applikata kontra kull taxxa addizzjonali dovuta fuqha:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu m'għandhomx japplikaw meta l-persuna msemmija f'dan is-subartikolu tipprova li ma kenitx taf jew li ma setgħetx raġonevolment tkun taf li ma kellhiex jedd għal dak il-ħlas lura ta' taxxa.

## TAQSIMA IX

### Reati u Pieni

Disposizzjonijiet ġenerali dwar reati.
*Emendat: A.L. 425 tal-2007.*

**49.** (1) Kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi jew ta' xi regoli magħmula bis-saħħa tagħhom tkun ħatja ta' reat u, kemm-il darba ma jkunx hemm piena oħra speċifikata taħt l-Atti dwar it-Taxxi,

teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro (23) u mhux iżjed minn mija u sittax-il euro (116).

(2) Meta persuna, fl-1 jew wara l-1 ta' Lulju, 1977, tinsab ħatja ta' reat taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi u ma tingħatax priġunerija għal dak ir-reat, il-qorti għandha espressament twissiha illi jekk, fi żmien ħames snin mid-data tat-twissija, hi terġa' tinstab ħatja ta' reat ieħor taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tingħata sentenza, b'żieda ma' kull piena oħra, ta' mhux inqas minn tlitt ijiem priġunerija; u persuna hekk misjuba ħatja għat-tieni darba u wara, matul l-imsemmi żmien, għandha, minkejja kull ħaġa li tinsab fl-Att dwar il-*Probation* jew f'xi leġislazzjoni oħra, tingħata sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlitt ijiem, b'żieda ma' kull piena oħra ħlief għal priġunerija għal żmien itwal. Kap. 446.

Piena għal nuqqas dwar avviż. *Emendat: A.L. 425 tal-2007; I. 2008.7.*

**50.** Kull persuna illi, mingħajr raġuni tajba -

(*a*) tonqos li tħares il-ħtiġijiet ta' avviż, intimazzjoni, talba jew nota li fiha ssir talba mogħtija, magħmula jew notifikata lilha taħt l-Atti dwar it-Taxxi; jew

(*b*) tonqos li tattendi bi tweġiba għal avviż maħruġ lilha taħt l-Atti dwar it-Taxxi jew wara li tkun attendiet tonqos li twieġeb għal xi mistoqsija skond il-liġi lilha magħmula,

tkun ħatja ta' reat u tkun suġġetta, meta tinsab ħatja, għal multa ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro (23) u mhux iżjed minn għaxart elef euro u għal multa oħra ta' mhux iżjed minn mitejn euro għal kull jum li tulu n-nuqqas jibqa' sejjer wara li tkun instabet ħatja.

Piena għall-għemil ta' prospetti mhux korretti, eċċ. *Emendat: A.L. 425 tal-2007.*

**51.** (1) Kull persuna illi, mingħajr raġuni tajba -

(*a*) tagħmel prospett mhux korrett billi tħalli barra jew tnaqqas xi *income* li tiegħu hija għandha, skond dawn l-Atti dwar it-Taxxi, tagħmel prospetti; jew

(*b*) tagħti xi informazzjoni mhux korretta dwar xi materja jew ħaġa li tolqot ir-responsabbiltà tagħha nfisha għat-taxxa jew ir-responsabbiltà ta' xi persuna oħra jew ta' soċjetà,

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux anqas minn tmienja u ħamsin euro (58) u mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro (465) u, minbarra dan, għal darbtejn l-ammont tat-taxxa li jkun ġie stmat inqas minħabba dak il-prospett mhux korrett, jew informazzjoni, jew kien jiġi hekk stmat inqas li kieku l-prospett jew informazzjoni ġew aċċettati bħala korretti.

(2) Ebda persuna ma tkun suġġetta għal xi piena taħt dan l-artikolu kemm il-darba l-ilment dwar dak ir-reat ma kienx sar fis-sena ta' stima li dwarha jew tulha r-reat kien sar jew fi żmien tliet snin wara li tagħlaq dik is-sena.

(3) Il-Kummissarju jista' jasal f'arranġamenti dwar reat taħt dan l-artikolu u jista', qabel is-sentenza, iwaqqaf jew jasal f'arranġamenti fuq proċedimenti taħt dan l-artikolu.

Disposizzjonijiet penali dwar frodi, eċċ.
*Emendat:*
*A.L. 425 tal-2007.*

**52.** (1) Kull persuna illi bil-ħsieb li taħrab mit-taxxa, jew li tgħin lil xi persuna oħra sabiex taħrab mit-taxxa taħt dan l-Att -

(*a*) tħalli barra minn prospett jew minn xi dokument jew dikjarazzjoni magħmula, imħejjija jew mogħtija għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi jew taħt dawk l-Atti, xi *income* li hemm kellu jidħol; jew

(*b*) tagħmel xi dikjarazzjoni falza jew reġistrazzjoni falza f'xi prospett jew dokument jew dikjarazzjoni mħejjija jew mogħtija għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi ; jew

(*ċ*) tagħti xi tweġiba falza, sew jekk verbalment kemm bil-miktub, lil xi mistoqsija jew talba għal informazzjoni magħmula skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi; jew

(*d*) tipprepara jew iżżomm jew tawtorizza l-preparazzjoni jew tiżmim ta' xi kotba tal-kontijiet jew dokumenti oħra foloz jew tiffalsifika jew tawtorizza l-falsifikazzjoni ta' xi kotba tal-kontijiet jew dokumenti; jew

(*e*) tagħmel użu minn xi frodi, tidwir jew mezz ieħor ta' qerq jew tawtorizza l-użu ta' dik il-frodi, tidwir jew mezz ieħor ta' qerq,

tkun ħatja ta' reat, u, għal kull reat bħal dan, tkun suġġetta, meta tinsab ħatja quddiem Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, għal multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro (116) u mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro (465) u, barra dan, għal tliet darbiet l-ammont tat-taxxa li għaliha l-persuna li t-taxxa tagħha kien hemm il-ħsieb li tiġi evitata jew li tiġi mgħejjuna biex tevita hija suġġetta taħt l-Atti dwar it-Taxxi għas-sena ta' stima li dwarha jew tulha r-reat kien sar, jew għal priġunerija għal xi perijodu mhux itwal minn sitt xhur, jew sew għal dik il-multa u dik il-priġunerija flimkien.

(2) Il-Kummissarju jista' jasal f'arranġamenti dwar reat taħt dan l-artikolu u jista', qabel is-sentenza, iżomm jew jasal f'arranġamenti fuq proċedimenti taħt dan l-artikolu.

Piena għal reati kontra s-segretezza uffiċjali.
*Emendat:*
*A.L. 425 tal-2007.*

**53.** Kull persuna li, bħala li għandha jew kellha xi dmir uffiċjali jew bħala impjegata jew kienet impjegata fl-amministrazzjoni ta' l-Atti dwar it-Taxxi, ikollha jew kellha aċċess għal, pussess ta', jew kontroll fuq xi dokumenti, informazzjoni, prospetti jew stimi, dwar l-Atti dwar it-Taxxi, jew kopji tagħhom, u li, ħlief kif provdut fl-artikolu 4, f'xi żmien tikkomunika jew tipprova tikkomunika xi informazzjoni bħal dik jew xi ħaġa li tkun tinsab f'dawk id-dokumenti, prospetti, stimi jew kopji lil xi persuna, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro (232) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u ħamsa u għoxrin euro (2,325), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

**54.** It-teħid ta' proċedimenti għal piena, multa jew żmien ta' priġunerija, jew l-impożizzjoni ta' dik il-piena, multa jew żmien ta' priġunerija taħt l-Atti dwar it-Taxxi ma jeħles lil ebda persuna mir-responsabbiltà għall-ħlas ta' xi taxxa li għaliha hija jew tista' tkun suġġetta.

It-taxxa għandha titħallas għalkemm ikun hemm xi proċedimenti għal pieni, eċċ.

**55.** Id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi ma jtiefsu ebda proċedimenti kriminali taħt xi Att ieħor jew liġi oħra.

Riżerva dwar proċedimenti kriminali.

**56.** Ebda kawża dwar reat taħt l-Atti dwar it-Taxxi ma tista' tinbeda ħlief fuq it-talba jew bis-sensja tal-Kummissarju.

Il-kawża ssir bis-sensja tal-Kummissarju.

**57.**[*] (1) F'dan l-artikolu -

Dokumenti li jkun fihom prova ta' xi att jew nuqqas minn detentur ta' *warrant*. *Miżjud: V. 1998.4.* Kap. 281.

(*a*) "detentur ta' *warrant*" tfisser persuna jew ditta li tkun fil-pussess ta' *warrant* maħruġ bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*;

(*b*) "Bord" tfisser il-Bord ta' l-*Accountancy* kostitwit bl-artikolu 6 ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy.*

(2) Meta l-Kummissarju jkun tal-fehma li dokument li jkun ġie mogħti lilu jew inkiseb minnu għal xi raguni li tkun skond l-Atti dwar it-Taxxi għas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar, 1998 u għas-snin sussegwenti, li jkun dokument li għalih jirreferi dan l-artikolu, ikun jikkostitwixxi jew ikun fih prova ta' xi att jew nuqqas min-naħa tad-detentur ta' *warrant*, u li dak l-att jew nuqqas ikun att jew nuqqas bħalma hu msemmi fl-artikolu 14(1)(*a*)(i) ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, huwa għandu jibgħat, bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, kopja ta' dak id-dokument lill-Bord.

Kap. 281.

(3) Il-Kummissarju għandu jiċċertifika kull dokument li jibgħat lill-Bord skond ma hemm fis-subartikolu (1) bħala kopja vera ta' l-oriġinal u għandu jibgħat lill-Bord, flimkien ma' kull dokument bħal dak, dikjarazzjoni li fiha jagħti r-raġunijiet li fuqhom ikun ibbaża l-fehma tiegħu, b'dan illi f'dik id-dikjarazzjoni ma tista' ssir ebda riferenza għal xi fatt jew ċirkostanza li ma jkunux jirriżultaw minn dawk id-dokumenti.

(4) Il-Bord jista' juża dokument li jkun irċieva skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu bil-għan ta' xi inkjesta li l-Bord ikun qed jagħmel bis-saħħa ta' l-Att imsemmi, iżda mhux għal xi għan ieħor.

(5) Dokument li jintbagħat lill-Bord u li jiġi ċertifikat bħala kopja vera ta' l-oriġinal skond dan l-artikolu għandu jkun ammissibbli bħala prova bħallikieku kien l-oriġinal, u l-produzzjoni ta' dak id-dokument m'għandha tagħti setgħa lill-ebda qorti jew awtorità sabiex din titlob lill-Kummissarju jipproduċi l-oriġinal ta' dak id-dokument jew li jixhed dwar dak id-dokument ħlief hekk kif jista' jiġi permess taħt id-disposizzjonijiet l-oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi:

Iżda l-Kummissarju jista' jenħtieġ li jipproduċi l-oriġinal

*Dan l-artikolu kien ġie oriġinarjament miżjud bħala artikolu 19A.

ta' kull dokument bħal dak f'kull każ meta dan ikun meħtieġ sabiex tinġieb prova dwar il-kalligrafija jew il-firma jew l-identità tad-detentur ta' *warrant* involut, u bil-għan li tinġieb dik il-prova biss u sakemm l-oriġinal imsemmi jitreġġa' lura lill-Kummissarju malli dan ma jkunx aktar meħtieġ għal dak l-għan li għalih ikun ġie prodott.

(6) Il-Bord għandu jgħarraf bil-miktub lill-Kummissarju, fi żmien raġonevoli minn meta jkun irċieva dokument li jkun intbagħatlu skond ma hawn f'dan l-artikolu, jekk ikunx qiegħed jipproponi li juża dak id-dokument għall-għan imsemmi fis-subartikolu (4) jew le, u jekk le, il-Bord għandu jiddikjara xi tkun ir-raġuni għad-deċiżjoni tiegħu li ma jagħmilx użu minnu u għandu jibgħat id-dokument lura lill-Kummissarju.

(7) Fi żmien raġonevoli mill-għeluq ta' inkjesta li fiha jkunu intużaw xi dokumenti li jkunu ġew riferiti lill-Bord skond ma hawn f'dan l-artikolu, il-Bord għandu jikkonsenja lill-Kummissarju kopja tad-deċiżjoni tiegħu fuq dik l-inkjesta.

(8) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tinftiehem bħala -

(*a*) li tagħti setgħa lill-Bord li jitlob xi tagħrif jew dokumenti mingħand il-Kummissarju jew li l-Bord xort'oħra jkollu aċċess għal xi dokumenti jew tagħrif ieħor li jkollu l-Kummissarju;

(*b*) li torbot lill-Kummissarju li jagħti xiehda jew xi spjegazzjoni dwar dawk id-dokumenti li huwa jkun għadda lill-Bord;

(*ċ*) li torbot lill-Kummissarju biex imexxi xi investigazzjoni jew jagħmel xi rapport fuq l-imġieba ta' xi detentur ta' *warrant*.

(9) Dawk id-dokumenti li dan l-artikolu jirriferi għalihom huma:

(*a*) kull rapport jew ċertifikazzjoni ffirmati minn detentur ta' *warrant*;

(*b*) kull *record*, ktieb, kont jew komputazzjoni, jew xi estratt minnhom, li dwarhom ikunu saru xi rapport jew ċertifikazzjoni kif hemm imsemmi fil-paragrafu (*a*):

Iżda dokument imsemmi f'dan il-paragrafu m'għandux jitqies bħala dokument li għalih japplika dan l-artikolu kemm-il darba dan ma jintbagħatx lill-Bord flimkien ma' dak ir-rapport jew dik iċ-ċertifikazzjoni.

TAQSIMA X

**Setgħa għall-egħmil ta' regoli**

Setgħa għall-egħmil ta' regoli. *Emendat: II. 2002.81.*

**58.** Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', minn żmien għal ieħor, jagħmel regoli b'mod ġenerali sabiex jitmexxew id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u jista', b'mod speċjali, b'dawk ir-regoli jipprovdi -

(*a*) għall-forma tal-prospetti, talbiet, dikjarazzjonijiet u avviżi taħt dan l-Att;

(*b*) għall-użu ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi rigward il-forma u kif jintbagħtu prospetti, dikjarazzjonijiet, avviżi u informazzjoni jew dokumenti li l-forma u l-konsenja tagħhom huma awtorizzati jew meħtieġa taħt jew skond l-Atti dwar it-Taxxi jew skond regolamenti magħmulin taħthom, inkluż l-għemil ta’ ħlasijiet b’mezzi elettroniċi taħt l-Atti u r-regolamenti msemmija; u

(*ċ*) għal dawk il-materji kollha li jkunu awtorizzati b’dan l-Att li jiġu preskritti.

Notament ta’ ċerti eżenzjonijiet jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati. Kap. 123.

**59.** Notament ta’ kull eżenzjoni mogħtija mill-Ministru responsabbli għall-finanzi taħt l-artikolu 12(2) ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, dwar korp ta’ persuni, jew klassi ta’ persuni, għandu jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati mill-aktar fis li jista’ jkun wara li tingħata.

Disposizzjoni transitorja. Kap. 123.

**60.** (1) Id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 4(4A) ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* kif fis-seħħ minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta’ dan l-Att u ta’ l-Att ta’ l-l994 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Emenda Nru.2), għandhom jibqgħu fis-seħħ għar-rigward ta’ kull prospett ta’ l-attiv kapitali msemmi f’dak is-subartikolu dwar snin ta’ stima msemmija f’dak is-subartikolu sas-sena ta’ stima 1994.

Kap. 123.

(2) Id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għar-rigward ta’ prospetti ta’ *income* u attiv kapitali għas-snin ta’ stima sas-sena ta’ stima 1994, għandhom jibqgħu fis-seħħ, kif kienu fis-seħħ minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta’ dan l-Att.